**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 14 ta' Gunju, 2016**

**Rikors Guramentat Numru:- 44/2013JVC**

**Louis Zammit**

**Vs**

**Henry Zammit; U ghal kull interess li jista' jkollu Michael Zammit; Michael Zammit Holdings Ltd.**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat fejn l-attur ippremetta:-

1. Illi fil-wiehed u tletin (31) ta' Awissu tas-sena elfejn u sebgha (2007), il-konvenut Henry Zammit deher fuq kuntratt ta' bejgh ghan-nom ta' l-esponenti Louis Zammit, li permezz tieghu l-istess Henry Zammit nomine biegh lil terzi proprjeta' immobbli appartenenti lil Louis Zammit versu l-prezz ta' mija u hamsa u ghoxrin elf lira Maltin (Lm 125,000) ekwivalenti ghal mitejn u wiehed u disghin elf Ewro u mija u wiehed u sebghin Ewro u sebgha u sittin centezmu (Eur 291,171.67c) .

2. Illi l-esponenti Louis Zammit ta struzzjonijiet lil Henry Zammit biex il-prezz imhallas u migbur, wara li giet imnaqqsa t-taxxa dovuta minnu ammontanti ghal tmint elef u seba' mija u hamsin lira Maltija (Lm 8,750) ekwivalenti ghal ghoxrin elf, tliet mija u tnejn u tmenin Euro u zewg centezmi (Eur 20, 382.02c), jinzamm f'bank f'dawn il-gzejjer Maltin, stante li l-esponenti jirrisjedi b' mod permanenti gewwa l-Awstralja u dan kollu bil-kundizzjoni li kull darba li l-esponenti jitlob ir-restituzzjoni ta' din is-somma jew ta' parti minnha, din is-somma jew parti minnha hekk mitluba tigi moghtija lilu b' mod immedjat.

3. Illi matul is-snin, l-esponenti talab lil Henry Zammit diversi ammonti li dejjem intbaghtu b'mod regolari u kien ghad fadal jinghatalu bilanc ta' mitejn u hamsin elf u hames mija u tmienja u ghoxrin Euro u tletin centezmu ta' l-euro (Eur 250, 528.30c).

4. Illi minkejja li Louis Zammit talab lil Henry Zammit kif ukoll lill-intimat l-iehor Michael Zammit sabiex jaghtuh dan il-bilanc lura peress li kellu bzonn immedjat ta' dawn il-flus, dawn baqghu nadempjenti u ma tawh l-ebda parti minn dan l-ammont fuq imsemmi.

5. Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi ai termini tal-Artiklu 167 sa 170 tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta) sabiex jigi ordnat minn din l-Onorabbli Qorti li jithallas id-dejn dovut mill-intimati jew min minnhom li hu dejn cert, likwidu u dovut permezz tal-proceduri sommarji specjali, u dan ghaliex fil-fehma tar-rikorrenti l-intimati jew min minnhom m'ghandhomx difiza xi jressqu kontra t-talbiet ghall-hlas.

Talbu lil din l-Onorabbli Qorti:

I. Tisma' u tiddeciedi skont it-talba bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur ta' l-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' l-Organizazzjoni u Procedura Civili,

II. Tiddikjara li l-intimati jew min minnhom m'ghandhomx difizi xi jressqu kontra t-talbiet ghall-hlas;

III. Tiddikjara li l-intimati jew min minnhom ghandhom ihalsu lill-esponenti s-somma ta' mitejn u hamsin elf u hames mija u tmienja u ghoxrin Euro u tletin centezmu (Eur 250,528.30c);

IV. Tikkundanna lill-intimati sabiex ihalsu dan l-ammont hekk mitlub.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali pprezentata u bl-imghax kontra l-intimati li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ir-rikorrenti jirriserva kwalunkwe rimedju u dritt iehor spettanti lilhom skont il-kuntratt u l-ligi.

Rat illi fis-smiegh tas-26 ta' Settembru, 2013 din il-Qorti diversament preseduta qieset li l-konvenuti wrew prima facie li kellhom eccezzjonijiet xi jressqu u ghalhekk inghataw l-opportunita' li jipprezentaw l-istess b'dana li l-ewwel u t-tieni talbiet attrici gew sorvolati b'din l-ordni;

Rat ir-risposta guramentata fejn il-konvenuti eccepew:

1. Illi preliminarjament din l-Onorabbli Qorti m'hijiex kompetenti sabiex tisma' l-kawza odjerna u dan stante illi Michael Zammit, ossija l-konvenut ewlieni fil-kawza m'huwiex residenti Ghawdex imma huwa residenti fil-fond 18, St. Anthony Building, Pjazza Sant Anna, Floriana, u ghalhekk il-kawza odjerna kellha tigi ntavolata Malta gia la darba r-residenza u d-domicilju tal-konvenut ewlieni hija Malta, kif johrog car mill-kopja tal-karta ta' l-identita' hawn annessa u mmarkata Dok MZ8

2. Illi preliminarjament ukoll l-intimata Michael Zammit Holdings Limited m'hijiex il-legittimu kuntradittur fil-kawza u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju u dan stante illi hija kienet qeghdha tigi wzata minn Michael Zammit bhala mezz kif huwa seta' jitrasferixxi l-flus li huwa kien isellef minghajr imghax lill-attur u dan in ottemporanza mad-disposizzjonijiet tal-Ligijiet koncernanti l-*money laundering* u *audit trail* u dan kif ser jigi spjegat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. Illi fil-mertu l-konvenuti Michael Zammit u Henry Zammit m'ghandhom jaghtu xejn lill-attur stante illi l-attur kien debitur ta' Michael Zammit fil-kwalita' tieghu bhala eredi tal-mejta Rosina Zammit liema debitu gie rikonoxxut bi skrittura tal-31 ta' Marzu 1999.

4. Illi dan id-debitu gie saldat fil-31 ta' Awwissu 2007 wara l-bejgh tal-ghalqa proprjeta ta' l-attur, tant illi mmedjatament mal-bejgh il-konvenut Henry Zammit aggira (*endorsed*) c-cheque li huwa rcieva u tah lil Michael Zammit u dan skont kif kien gie miftiehem bejn l-attur u Micahel Zammit u skont l-istruzzjonijiet li ta l-attur lil Henry Zammit u dan kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

5. Illi l-konvenut Henry Zammit m'huwiex il-legittimu kuntradittur fil-kawza odjerna u dan stante illi huwa kien biss mandatarju generali ta' l-attur u dan ai termini tal-prokura generali mehmuza mal-kuntratt tal-31 ta' Awwissu 2007 u mmarkata Dok A fl-imsemmi kuntratt u ghalhekk ghadda l-imsemmija flus lil Michael Zammit fuq istruzzjonijiet ta' l-attur stess.

6. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess ghar-rigward ta' Henry Zammit, dan qatt ma agixxa oltre dak li kien awtorizzat jaghmel permezz tal-prokura hawn fuq imsemmija tant illi huwa kien awtorizzat sabiex *to administer my/our property movable and immovable in the most ample and unlimited manner.*

7. Illi ghalhekk l-intimat Henry Zammit ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju u dan stante illi huwa m'huwiex fil-pussess tal-flus in kwistjoni gia la darba huwa ghadda l-imsemmija flus fuq istruzzjonijiet ta' l-attur stess lil ibnu Michael Zammit, u dejjem agixxa fil-limiti tal-prokura moghtija lilu.

8. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, fil-konfront ta' Henry Zammit it-talba ta' l-attur hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u dan stante illi l-uniku azzjoni li jista' jkollu l-attur kontra l-imsemmi Henry Zammit huwa ghar-rezo konti u mhux biex jirritorna l-flus gia la darba huwa agixxa fuq istruzzjonijiet ta' l-attur innifsu u entro l-limiti tal-prokura li nghatatlu, liema azzjoni hija nezistenti gia la darba l-intimat Henry Zammit dejjem agixxa fuq istruzzjonijiet lilu moghtija minn Louis Zammit u fil-limiti tal-prokura moghtija lilu.

9. Illi ghar-rigward ta' l-intimat Michael Zammit huwa kellu kreditu favur tieghu dovut mill-attur skont skrittura tal-31 ta' Marzu 1999 liema kreditu huwa naxxenti mill-eredita' taz-zija tieghu Rosina Zammit li kienet originarjament selfet flejjes kbar lill-attur.

10. Illi Michael Zammit wiret lil Rosina Zammit u dan ai termini tat-testment taghha tas-6 ta' Frar 1988 fl-Atti tan-Nutar Dr. Mark Coppini.

11. Illi l-attur kellu diversi djun ma' l-imsemmija Rosina Zammit, liema djun kienu jammontaw ghall-Lm112,000 ekwivalenti ghall-€260,889.82 liema kreditu ntiret mill-intimat Michael Zammit. Illi permezz ta' skrittura tal-31 ta' Marzu 1999, immarkata Dok MZ3 fil-process, Louis Zammit kien ikkonferma quddiem il-kompjant Av. Victor Bajada illi huwa debitur ta' l-intimat Michael Zammit bhala eredi ta' Rosina Zammit ghas-somma msemmija.

12. Illi l-ghalqa in kwistjoni kienet inbieghet mill-attur sempliciment ghaliex huwa ried jissalda dan id-dejn li huwa kellu ma' l-intimat Michael Zammit, u li kieku ma kellux tali dejn, l-ghalqa lanqas biss kienet tinbiegh. Illi ghalhekk bi ftehim bejn l-attur u Michael Zammit, il-bilanc rimanenti mill-bejgh ta' l-ghalqa kellu jghaddi ghal ghand Michael Zammit ghas-saldu tal-ammont dovut mill-attur. Illi konsegwentament l-attur kien ta' istruzzjonijiet lill-Henry Zammit sabiex mal-bejgh ta' l-ghalqa mmedjatament huwa kien jghaddi l-bilanc lil Micahel Zammit kif fil-fatt sar.

13. Illi mill-ammont ta' Lm125,000 li Louis Zammit ircieva ghall-bejgh ta' l-ghalqa in kwistjoni ai termini tal-kuntratt ta' bejgh tal- 31 ta' Awwissu 2007 fl-Atti tan-Nutar Michael Refalo, tnaqqsu l-ammont ta' Lm8750 rapprezentanti taxxa dovuta, Lm3000 rapprezentanti senserija, Lm1300 rapprezentanti hlasijiet li kellu jaghmel l-attur lill-intimat Henry Zammit koncernanti xoghlijiet fid-dar tieghu u xi spejjez ohra filwaqt li kellu jithallas ukoll l-ammont ta' Lm1250 rapprezentanti self ta' elf lira moghti minn Henry Zammit lill-attur kif ukoll spejjez ancillari ohra ta' Lm250 li lkoll saru qabel il-kuntratt ta' bejgh. Illi ghalhekk il-bilanc rimanenti mill-prezz tal-bejgh kien ta' Lm110,700, liema flus ghaddew lil Michael Zammit ghall-hlas tad-dejn dovut skont il-ftehim milhuq bejn il-partijiet. Illi r-rimanenti Lm1300 dovuti lil Michael Zammit gew mahfura u Michael Zammit accetta l-hlas ghas-saldu u dan skont kif jidher car mill-ittra Dok MZ1 hawn annessa.

14. Illi sussegwentament Michael Zammit wara li gie saldat dan il-kreditu fil-31 ta' Awwissu 2007 sellef diversi flejjes ohra lill-attur Louis Zammit liema pagamenti ghadhom sal-lum qatt ma thallsu lura, u liema flejjes l-attur kien juza sabiex jaqdi l-vizzju tal-loghob fuq iz-zwiemel u dan kif irrizulta wara l-oghti ta' l-imsemmi self. Dawn flejjes kienu jintalbu lil Michael Zammit fuq premessi foloz,

u llum il-gurnata jammonatw ghall-€48,208 kif johrog car minn Dok MZ4

15. Illi tant u hekk illi l-attur stess kien iddikjara mad-dipartiment tat-taxxa ta' Melbourne illi l-flus li kien qieghed jircievi minghand Michael Zammit tramite Michael Zammit Holdings kien self minghajr imghax kif effetivament kienu.

16. Illi l-attur huwa ben konsapevoli tal-fatti kif hawn fuq esposti, u fetah il-proceduri odjerni biss ghaliex Michael Zammit irrifjuta illi jkompli jsellef flus lill-attur wara li gie nfurmat illi l-attur kien qieghed juza l-flus ghall-vizzju tal-loghob.

17. Illi in vista tas-suespost gia la darba dan il-kreditu mitlub mill-attur gie mhallas lura lil Michael Zammit fil-31 ta' Awwissu 2007, it-talbiet attrici koncernanti dan il-kreditu huma llum preskritti ai termini tal-Artikolu 2156 (f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta stante l-issaldjar ta' dan il-kreditu sitt snin ilu.

18. Illi l-eccipjent Michael Zammit jaf bil-fatti hawn fuq esposti personalment u qieghed jikkonfermahom bil-gurament tieghu.

Bl-ispejjez kontro l-attur li min issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi a fol. 190 permezz ta' nota datata 26 ta' Marzu, 2014 l-attur irriduca t-talba tieghu ghas-somma ta' €218,854.05 ghal ragunijiet spjegati fl-atti mill-istess attur u cioe' li skont hu kien gie a konjizzjoni ta' depoziti ohra li kienu saru lilu mis-somma dovuta u li taghhom ma kienx sab id-dokumentazzjoni fil-mument li giet ipprezentata l-kawza (ara affidavit ulterjuri a fol. 182);

Rat iz-zewg rapporti tal-espert tekniku mqabbad mill-Qorti s-Sur Joseph Mallia;

Rat il-provi, dokumenti u xhieda kollha mressqa fl-atti;

Rat illi fis-seduta tal-15 ta' Jannar, 2016 il-kawza giet differita ghad-decizjoni ghal-lum bil-fakulta' li l-partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub;

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat**

Illi l-fatti inkontestati bejn il-partijiet huma li l-attur Louis Zammit u l-konvenut Henry Zammit huma ahwa. Il-konvenut Michael Zammit huwa iben il-konvenut l-iehor filwaqt li huwa d-direttur u azzjonarju tal-kumpanija konvenuta Michael Zammit Holdings Ltd. Jirrizulta li l-attur ilu ghal zmien twil jghix fl-Awstralja filwaqt li Henry Zammit huwa residenti Ghawdex, dwar ir-residenza ta' Michael Zammit tqajmet eccezzjoni ta' gurisdizzjoni li din il-Qorti ser tgharbel aktar 'il isfel f'din id-decizjoni. Huwa nkontestat izda li Michael Zammit ghandu ufficcju Ghawdex u jqatta' hafna hin Ghawdex. Il-partijiet kellhom ohthom bl-isem ta' Rosina Zammit li giet nieqsa f'Marzu tas-sena 1999 u li wkoll kienet tirrisjedi u tahdem fir-Rabat, Ghawdex.

Huwa nkontestat ukoll bejn il-partijiet li l-attur fis-sena 2007 kien ta prokura generali lil huh Henry Zammit sabiex tkun tista' tinbiegh ghalqa proprjeta' tal-istess attur Louis Zammit liema bejgh effettivament sar permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Michael Refalo datat 31 ta' Awissu, 2007 (fol. 4 tal-process) fejn l-ghalqa nbieghet ghas-somma ta' Lm 125,000. L-attur isostni (ara affidavit a fol. 100) li r-raguni ghalfejn ried li tinbiegh din ir-raba' kienet ghaliex sema' li kienet gejja ricessjoni u b'hekk ipprova jigbor l-ahjar prezz possibbli ghal din l-art. Jirrizulta li ma kinitx l-ewwel darba li l-attur afda lil huh il-konvenut Henry Zammit bi flus tieghu fil-Gzejjer Maltin stante li huwa nkontestat bejn il-partijiet li precedentement kien hemm okkazzjoni fejn l-attur baghat $20,000 Awstraljan sabiex huh Henry Zammit jiehu hsieb li jsiru xoghlijiet fi proprjeta' tal-attur fir-Rabat, Ghawdex. Jirrizulta izda li huwa fil-mument tal-bejgh tal-ghalqa msemmija, li nqalghet il-kwistjoni dwar x'kellu jsir mir-rikavat tal-istess, u huwa fuq dan il-punt li hemm kontestazzjoni shiha bejn il-partijiet.

Il-Qorti nnotat mill-atti li l-verzjonijiet tal-partijiet huma kompletament diversi u tqis li anki bosta mill-eccezzjonijiet preliminari mqajjma mill-konvenuti jiddependu dwar liema verzjoni tal-partijiet hija dik li ghandha mill-verita u ghalhekk fl-ewwel lok il-Qorti ser tghaddi f'analizi tal-fatti kif esposti mill-partijiet sabiex jigi deciz liema verzjoni hija dik kredibbli u twassal ghall-prova konvincenti skont il-ligi u

konsegwentement tghaddi sabiex tiddeciedi dwar l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u t-talbiet attrici.

Illi wara li l-Qorti rat l-atti kollha tal-kawza l-verzjoni tal-attur fil-qosor (kif tohrog mill-affidavit tieghu a fol. 13, fol. 100, fol. 182 u l-kontro-ezami tieghu a fol. 365) u kif jirrizulta mill-atti hija illi huwa kien ftiehem ma' huh Henry Zammit permezz tat-telefon illi mir-rikavat tal-bejgh tal-raba' in kwistjoni kellhom jithallsu t-taxxi ghall-ammont ta' Lm8,750 u l-bqija jigi depozitat f'kont il-bank f'isem l-istess attur Louis Zammit sabiex meta jkollu bzonn jitlob lil huh jibaghtlu l-flus. Fl-atti, izda mhux fir-rikors guramentat, l-attur jikkonferma wkoll li fl-istess zminijiet qabel gie ffirmat il-kuntratt huwa kien talab somma zghira ta' flus lil huh Henry Zammit sabiex ikun jista' jhallas il-'carer' tieghu stante li kien marad u ghalhekk isostni li anki l-ammont ta' elf Lira Maltin (Lm1,000) (fol. 183) kellu jitnaqqas mir-rikavat. L-attur jichad b'mod kategoriku li huwa qatt ta xi struzzjonijiet mod iehor lil Henry Zammit jew lil Michael Zammit tant illi jsostni li diversi drabi talab flus lil huh Henry Zammit wara l-kuntratt u dan fil-fatt baghtlu flus tramite 'bank-transfers' mill-kumpanija konvenuta amministrata mill-konvenut l-iehor Michael Zammit. Fil-fatt l-attur jikkonferma, anki fil-kontro-ezami, li meta nduna li dawn it-trasferimenti kienu qed isiru tramite Michael Zammit huwa beda jikkuntattja mill-ewwel lin-neputi tieghu Michael Zammit flok lil huh Henry meta kien ikollu bzonn li jigu trasferiti lilu l-flus. L-attur isostni fl-affidavit tieghu a fol. 183 li wara li fetah il-kawza rrizultalu li effettivament l-ammont shih li gie trasferit lilu kien akbar minn dak indikat fir-rikors guramentat minnu ghaliex kien sab dokumentazzjoni ulterjuri dwar it-trasferimenti li saru lilu u jindika s-somma totali ta' €49,6060.23. Dan l-ammont presso poco jaqbel ma' dak dikjarat minn Michael Zammit fil-provi tieghu li anzi jsostni li l-ammont kien naqra anqas u cioe' dak ta' €48,208 (fol. 41). Il-partijiet izda ma jaqblux fuq il-bazi ghaliex saru dawn it-trasferimenti kif ser jirrizulta mill-verzjoni tal-fatti moghtija mill-konvenuti aktar 'il isfel. L-attur isostni li f'mument minnhom huwa talab lil Michael Zammit sabiex tigi trasferita lilu s-somma ulterjuri ta' Lm20,000 izda f'dak il-mument skont l-attur il-konvenuti qatghu kull kuntatt mieghu u kellu jkun huh Pawlu Zammit (llum mejjet) li tramite tieghu l-attur rnexxielu jkellem lil Henry Zammit fuq it-telefon. F'dan il-mument l-attur isostni li l-konvenuti bdew jghidulu li ma setghux jitrasferulu aktar flus ghaliex kienu depozitati f'kont fiss jew li dawn kienu gew investiti. L-attur jinsisti b'mod konsistenti fl-atti li huwa qatt ma ta l-ebda

awtorizazzjoni sabiex il-flus tieghu jigu nvestiti. Jsostni wkoll li huwa nizel darbtejn Malta mill-Awstralja sabiex jitlob lill-konvenuti personalment sabiex jaghtuh flusu izda dawn baqghu jinsistu li ma setghux ghaliex kienu nvestiti u sal-lum ghadu minghajr flusu. Dwar l-allegati nvestimenti f'ismu l-attur isostni li darba minnhom meta huwa kien sejjer lura l-Awstralja nhar l-24 ta' Mejju, 2012 il-konvenut Michael Zammit ghaddhielu dokument li jinsab esebit a fol. 115 tal-process fejn skont l-attur fih jidhru nvestimenti li l-konvenut Michael Zammit kien qed isostni li saru bil-flus tal-attur. Ghalkemm ghall-bidu li gie esebit Michael Zammit cahad li dan kien dokument tieghu, aktar lura fil-provi jghid li kien tfixkel u li gharaf li d-dokument kien tieghu li izda ma kellu x'jaqsam xejn mal-attur izda kien dwar investimenti proposti ta' klijent iehor tieghu u li kien l-attur li hadlu l-istess dokumenti meta huwa b'kumbinazzjoni gurnata minnhom kien nesa 'file' warajh ghand zijuh l-attur meta kien Ghawdex. Il-konvenut jassumi li l-attur hadlu dan id-dokument fil-hin li l-file kien ghadu ghandu. L-attur jghid li meta wasal lura fl-Awstralja, meta ra l-kontenut tad-dokument induna li l-ammonti ma kienux jaqblu stante li kien hemm ammonti anqas minn kemm huwa gabar mir-raba' (imnaqqsa dawk li kien gia rcieva) ghalkemm fuq dan id-dokument kien hemm ukoll miktub li kellu jinghata aktar dettalji fuq investimenti ohra u b'hekk iddecieda li jiehu passi u jmexxi bl-Avukati l-ewwel mill-Awstralja stess u konsegwentement sar kuntatt mal-Avukati Malta. A fol. 135 tinsab esebita ittra legali nterpellatorja datata 29 ta' Awissu, 2012 indirizzata lill-konvenut Henry Zammit fejn intalab jaghti rendikont tal-flus tal-attur amministrati minnu. A fol. 136 tinsab ittra ohra datata 10 ta' Ottubru, 2012 fejn ghal darb'ohra Henry Zammit intalab jaghti rendikont tal-flus tal-attur amministrati minnu. A fol. 137 tal-process tinsab esebita vera kopja ta' ittra ufficcjali datata 3 ta' Gunju, 2013 indirazzata wkoll u notifikata lill-konvenut Henry Zammit fejn dan tal-ahhar gie nfurmat li l-prokura generali favur tieghu kienet qed tigi revokata u ghal darb'ohra rega' ntalab jaghti rendikont tar-rapprezentazzjonijiet li ghamel f'isem l-attur. Mhux kontestat fl-atti li ghal dawn l-ittri ma ntbaghtet l-ebda risposta mill-konvenut Henry Zammit. Wara l-ittra ufficcjali nfethet il-kawza odjerna nhar is-16 ta' Lulju, 2013. Il-Qorti kkonstatat mill-atti u kif ukoll ammess mill-konvenut Michael Zammit fid-dokument a fol. 75 tal-process li l-ahhar trasferiment ta' flus favur l-attur sar nhar is-26 ta' Mejju, 2010 ghas-somma ta' €30,025.

L-attur fix-xhieda tieghu, anki meta mistoqsi diversi drabi fil-kontro-ezami, jibqa' jichad kategorikament li huwa qatt issellef xi flus minghand ohtu Rosina Zammit (li skont il-konvenut Michael Zammit kienet il-persuna li originarjament selfet il-flus lill-attur) anzi jghid li kien hemm drabi fejn huwa hallas xi flus dovuti minnha u anki baghtilha flus kif jevidenzja permezz ta' korrispondenza esebita mibghuta lilu u minnu bejnu u Rosina Zammit. Jichad ukoll li qatt iffirma xi skrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu favur taghha jew tal-konvenut Michael Zammit kif esebiti mill-konvenut Michael Zammit a fol. 40 u fol. 336 tal-process u jichad li qatt kien hemm xi ftehim li l-flus derivanti mill-bejgh tar-raba' in kwistjoni kellhom jghaddu ghand Michael Zammit sabiex jigi maqtugh l-allegat debitu dovut lil Rosina Zammit u konsegwentement lil Michael Zammit bhala l-eredi universali taghha:

'Jien qatt ma ddiskutejt xejn mat-tifel ta' Henry fuq dawn il-flus. Dejjem tkellimt ma' Henry u ma' hadd iktar. Nichad li qatt ghedt lil hija Henry biex jghaddi xi flus lil Michael Zammit ghax jien kelli d-dejn mieghu jew ma' ohti Rozina.' (fol. 104)

L-attur jichad ukoll li huwa qatt kellu xi problemi finanzjarji kbar jew li huwa ghandu xi vizzju tal-loghob. Jichad ukoll li qatt ircieva dokument li jaghti rendikont ta x'sar mill-flus tal-bejgh (esebit mill-konvenut a fol. 37 tal-process). L-attur isostni li ohtu kienet tghix hajja semplici hafna u li mill-hanut zghir tax-xorb li kellha zgur li ma kinitx taqla bizzejjed flus sabiex tkun tista' sselfu s-somma ta' Lm112,000. Dan apparti s-somma ta' Lm52,000 li l-konvenut Michael Zammit jammetti jew ahjar isostni li huwa nghata mill-mejta Rosina Zammit u li skont hu kienet izzomm fid-dar zghira u limitata taghha fuq il-hanut in kwistjoni ftit qabel mietet (ara fol. 445). Michael Zammit sahansitra jghid li din Rosina Zammit hallsitlu l-istudji kollha tieghu fl-Ingilterra.

Illi l-verzjoni tal-fatti moghtija mill-konvenuti mill-mument li gie ffirmat il-konvenju u konsegwentement il-kuntratt tal-bejgh tar-raba' proprjeta' tal-attur hija kompletament diversa minn dik tal-attur. Da parti tieghu il-konvenut Henry Zammit jikkonferma li huwa kien qed jagixxi bhala prokuratur ta' huh l-attur Louis Zammit lura fis-sena 2007. Jikkonferma li kien prezenti ghall-konvenju izda ma jiftakarx assolutament li kien hemm depozitu ta' Lm10,000 mal-konvenju (kopja esebita mill-

kumpratur Paul Scicluna a fol. 170) u x'sar minn dawn il-flus ghax jghid li nesa (ara x-xhieda tieghu in subizzjoni a fol. 297 *et seq* tal-process):

'Jiena dawk l-ghaxart elef (Lm10,000) lira qatt ma ghaddew minn idejja, ma nafx bihom.' (fol. 299)

Bil-kemm jiftakar jekk ic-cekkijiet hargux f'ismu jew le allavolja kien il-prokuratur. Jikkonferma li ibnu Michael Zammit kien prezenti mieghu kemm dakinhar tal-konvenju kif ukoll tal-kuntratt. Isostni li huh l-attur Louis Zammit kien tah struzzjonijiet fuq it-telefon sabiex ir-rikavat mill-bejgh tar-raba' jghaddih kollu lil ibnu Michael Zammit. F'partijiet mix-xhieda tieghu izda jghid li l-istruzzjonijiet ghaddew lil Michael Zammit u mhux lilu (fol 300) filwaqt li Michael Zammit fil-kontro-ezami tieghu jghid li t-telefonata saret bejn missieru u Louis Zammit fil-prezenza tieghu izda mill-ufficcju tieghu. Henry Zammit isostni li huwa mexa mal-istruzzjonijiet ta' huh Louis Zammit u dakinhar tal-kuntratt ghaddha c-cekkijiet mill-ewwel lil Michael Zammit ghalkemm skont hu ma nghata l-ebda raguni ghalfejn din is-somma kellha tghaddi ghand ibnu Michael Zammit u hu ma staqsiex:

'Ix-xhud:
Le, le, la qalli u lanqas staqsejtu ghax dawk kienu tieghu, jiena kont nidher ghalih, int qed tifhimha, all right, u sa hemmhekk nasal.

L-Avukat:
Sewwa. Jigifieri inti meta qallek isma' l-bilanc tal-prezz tieh lil Michael Zammit ma qghadx tistaqsieh ghalfejn u mhux?

Ix-xhud:
Da ma jimpurtanix jien.' (fol. 291)

Michael Zammit jikkonferma li d-derivat kollu mill-bejgh ghadda ghandu. Henry Zammit isostni li la darba huwa mexa mal-istruzzjonijiet verbali moghtija lilu mill-attur Louis Zammit huwa espleta l-inkarigu tieghu:

'jien hsilt idejja minnha l-bicca xoghol, qed tifhimha.' (fol. 294)

kif dirett mill-attur u allura mhux il-legittimu kontradittur fil-kawza odjerna u li se mai l-unika kawza li l-attur seta' jressaq fil-konfront

tieghu kienet dik li jaghti rendikont tal-azzjonijet tieghu f'ismu. Tqajmet ukoll mill-konvenuti eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta' hames snin. Mistoqsi diversi drabi r-raguni ghalfejn ma hassx li kellu jkollu struzzjonijiet bil-miktub minghand huh sabiex jaghmel it-trasferiment tal-flus lil ibnu u ghalfejn ma hassx li kellu jkollu prova dokumentarja li turi t-trasferiment tal-fondi lil ibnu Michael Zammit, Henry Zammit jibqa' jsostni li ma hassx li kien hemm il-bzonn. Skont kif isostni wkoll Michael Zammit, Henry Zammit ma kien jaf b'xejn bl-arrangamenti u djun bejn l-attur u Michael Zammit:

'Dan int qed issemmieh ghax jien ma naf b'xejn.' (fol. 305)

Fl-atti jirrizulta li Louis Zammit ma xehed dwar xejn aktar tant li la kkorrobora l-verzjoni tal-attur u lanqas tal-konvenut Michael Zammit f'dan ir-rigward. Ghal diversi drabi fil-kontro-ezami tieghu jibqa' jsostni li huwa ma jaf xejn. Henry Zammit isostni wkoll li wara li sar it-trasferiment qatt ma rega' kellem lil huh l-attur Louis Zammit dwar dawn il-flus:

'Avukat:
Iva, u wara li allegatament tajthom lil Michael Zammit, inti, ergajt kellimtu lil Louis Zammit jew ergajt tkellimt mieghu fuq il-flus?

Xhud:
Lanqas ghal Alla, ghal xejn.

Il-Qorti:
Ma ergajtx kellimtu?

Xhud:
Jien dak tqajt minn mieghu, int qed tifhimha, jigifieri ghax kien kuntent illi dan, u ghaddejthomlu bhalma qalli hu.

Avukat:
Sewwa. Jigifieri dan Louis Zammit lanqas biss cempillek skont int u qallek isma' dawk il-flus x'sar minnhom jew ghaddejthomx lil Michael Zammit?

Xhud:

Dak xejn, dak ma kontx, ghad dak ma kienx juza t-telephone, meta kien jitkellem kien, qabel ma bieghha kont inkellmu jiena, int qed tifhem, jigifieri bit-telephone, u jien daqshekk l-ahhar telephones li ghamilt.

Avukat:
Jigifieri inti l-ahhar darba li kellimtu kien gimgha qabel ma sar il-kuntratt fejn allegatament qallek biex tghaddihom lil Michael Zammit?

Xhud:
Qalli 'dawk ghaddihomlu'.

Avukat:
Daqshekk biss, imbaghad qatt ma kellimtu iktar?

Xhud:
Le qatt. . . . .

Avukat:
Sewwa. Issa rrispondi d-domandi tieghi u ma noqghodux, mela meta kien jigi Ghawdex qatt avvicinak u qallek fuq dawk il-flus jew x'sar minnhom dawk il-flus?

Xhud:
Le qatt ma ssemmew.

Avukat:
Qatt ma semmihomlok.

Xhud:
Le … .

Avukat:
Wara l-kuntratt, wara li sar il-kuntratt u inti qed tghid li ghaddejthom lil Michael Zammit, dan lil Louis Zammit qatt kellek okkazzjoni li ghedtlu isma' serrah mohhok ta' dawk il-flus tajthomlu lil Michael Zammit, qatt?

Xhud:
Dawk jien qatt ma semmejthom ghax ma kontx interessat, ghax hlist.' (fol. 310 – 304)

Illi l-verzjoni tal-fatti moghtija minn Michael Zammit hija ferm itwal u elaborata u tmur lura ghas-snin meta huwa sahansitra kien tfajjel ta' ghaxar snin. Izda l-Qorti tqis li sabiex tigi evalwata l-veracita' tal-provi ghandu jinghata wkoll kronologija ta' kif il-fatti esposti minn Michael Zammit tfaccaw fl-atti odjerni. A fol. 21 sa' 25 tal-process jinstabu ntavolati noti tal-konvenuti fejn hemm indikat fihom ir-ragunijiet ghalfejn il-konvenuti kellhom jinghataw l-opportunita' li jipprezentaw l-eccezzjonijiet taghhom ghat-talba. Il-konvenut Michael Zammit fin-nota tieghu a fol. 23 isostni li l-attur Louis Zammit kellu diversi djun ma' ohtu Rosina Zammit li taghha Michael Zammit jirrizulta nkontestat li huwa l-eredi universali. Michael Zammit f'din in-nota jsemmi l-ammont ta' Lm112,000. Isostni li dan kienu dovut lilu la darba huwa wiret lil zitu. Il-konvenut jghid li d-decizjoni sabiex tinbiegh l-ghalqa tal-attur saret appuntu biex il-konvenut Michael Zammit jithallas id-dejn dovut lilu mill-attur u ghalhekk kien hemm il-ftehim li r-rikavat jghaddi ghandu. Fix-xhieda tieghu konsegwenti ghan-nota datata 26 ta' Settembru, 2013 Michael Zammit isostni li wara li hadem ir-rendikont ta' x'kellu jithallas mill-attur lilu, fejn inkluda wkoll Lm3,000 bhala senserija ghal missieru l-konvenut l-iehor kif ukoll spejjez ohra li huwa kkalkula li kienu dovuta lil missieru talli ha hsieb xoghlijiet ghan-nom tal-attur ghas-somma ta' Lm1,300 huwa pprepara dokument li jindika dan kollu (fol. 37) u skont ix-xhieda tieghu fl-ewwel seduta jghid li dan intbaghat lil zijuh l-attur fl-Awstralja. Fotokopja ta' dan id-dokument gie esebit l-ewwel darba minn Michael Zammit fl-atti kien fl-ewwel seduta tas-26 ta' Settembru, 2013 (fol. 37). Fuq l-istess dokument jissemma' dejn bid-data 31-03-1999 ghas-somma ta' Lm112,000 ma tissemma' l-ebda kostituzzjoni ta' debitu ohra b'xi data precedenti wisq anqas xi dokument li jevidenzja xi skrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu ffirmata mill-attur a favur tal-mejta Rosina Zammit qabel dik id-data. Ma tissemma l-ebda skrittura ohra f'dan l-istadju tax-xhieda ta' Michael Zammit. Fl-istess dokument jinghad li suppost kien qed jigi anness mar-rendikont id-dokument originali tad-dejn datat 31-03-1999. A fol. 40 tinsab esebita foto-kopja tal-kostituzzjoni ta' dejn datata 31 ta' Marzu, 1999. Fuq dan id-dokument tidher il-firma allegatament ta' Louis Zammit u tal-Avukat Victor Bajada. Tidher ukoll kitba li l-konvenut ikkonferma fl-atti a fol. 204 tal-process li hija kitba tieghu li tghid *'settled per set-off (waived Lm1300)'* b'firma tahtha u d-data tal-15 ta' Ottubru, 2007. Ghalhekk il-konvenut isostni li ma hemm xejn dovut lill-attur ghaliex l-ammont kollu derivanti mill-bejgh tar-raba', bi qbil mal-attur, ghadda ghandu u ghalkemm kien hemm Lm1300 differenza huwa

ghamel '*set-off*' tal-ammont kollu dovut lilu bhala eredi universali ta' Rosina Bajada. Ferm aktar lura fl-atti fil-kontro-ezami estensiv tieghu l-konvenut Michael Zamit jammetti li s-somma ta' Lm3,000 senserija lil missieru u Lm1,300 spejjez ohra mhallsa lil missieru kienu mposti (fol. 452) mill-istess Michael Zammit wara li sar il-kuntratt ghaliex hass li kienu dovuti lil missieru u li dan ma kienx hemm ftehim dwaru mal-attur Louis Zammit qabel il-kuntratt tar-raba' u wisq anqas wara.

Fl-ewwel nota tieghu l-attur isemmi wkoll li konsegwentement ghal dak li sehh fis-sena 2007 l-attur kien perjodikament isellef flus lill-attur minghajr imghax u f'dan l-istadju (fol. 24) isostni li l-ammont kien ta' madwar €50,000. Aktar lura fl-atti l-konvenut sostna li meta ra d-dokumenti s-somma allegatament mislufa kienet dik ta' €48,208 (fol. 41). F'dan l-istadju fin-nota ma tinghata l-ebda raguni ghalfejn l-attur waqaf 'isellef' fi kliemu flus lill-attur. Isemmi izda li l-attur kien iddikjara mad-Dipartiment tat-Taxxi ta' Melbourne li dawn il-flus kienu self bla mghax. Aktar tard fix-xhieda tieghu fl-ewwel seduta l-konvenut esebixxa kopja ta' ittra ffirmata minnu datata 17 ta' Novembru, 2009, indirizzata b'mod generiku hafna u cioe' 'The Officer in charge, Melbourne Tax Office, Melbourne, Australia' (fol. 58) liema ittra izda limitata ghall-ammonti zghar fejn l-ammont kollu li gie allegatament 'misluf' lill-attur. L-attur ma jichadx li saret din l-ittra izda jsostni li din saret fuq talba tieghu lill-konvenut sabiex ma jkunx hemm inkwiet ma' tat-taxxi dwar l-ammonti tar-rikavat mill-bejgh tar-raba' li kienu qed jintbaghtu lilu minn Malta. L-attur isostni (fl-affidavit tieghu u anki fil-kontro-ezami) li din saret fuq suggeriment tal-konvenut stess u nbtaghtet lilu izda qatt ma ntuzat mad-Dipartiment tat-Taxxi ghaliex ma giex bzonnha. Il-Qorti tinsab certa li kieku verament din l-ittra ntbaghtet id-dipartiment tat-Taxxi f'Melbourne mill-konvenut Michael Zammit din ma kinitx tasal in vista tal-indirizz kif miktub u ghalhekk temmen li din intbaghtet direttament lill-attur sabiex jaghmel uzu minnha jekk jigi bzonn. Skont il-konvenut din l-ittra ghandha sservi bhala evidenza li l-ammonti mghoddija lill-attur kienu self u mhux parti mill-profitt.

Il-Qorti tinnota li fl-istadju tan-nota ta' Michael Zammit datata 26 ta' Settembru, 2013 a fol. 24 gie dikjarat illi l-istess Michael Zammit kien ser jintavola kontro-talba fil-konfront tal-attur sabiex jithallas ta' dak dovut lilu, jirrizulta izda li fl-istadju tar-risposti prezentati fl-atti ma giet prezentata l-ebda kontro-talba mill-konvenut Michael Zammit dwar

allegat dejn dovut lilu mill-attur u l-ebda talba simili ma giet a konjizzjoni ta' din il-Qorti sad-data tad-decizjoni odjerna.

Aktar dettalji tal-verzjoni tal-fatti tal-konvenut Michael Zammit jirrizultaw fix-xhieda tieghu (konsegwenti ghan-nota a fol. 23) moghtija nhar is-26 ta' Settembru, 2013 quddiem din il-Qorti diversament preseduta xhieda li ntuzat sabiex il-Qorti tisma' l-verzjoni tal-fatti tal-konvenut u taghti decizjoni jekk ghandhiex tawtorizza li l-konvenut jipprezentaw l-eccezzjonijiet taghhom. Fil-fatt kien f'din ix-xhieda li giet esebita l-ewwel darba r-rendikont imsemmi minn Michael Zammit datat 15 ta' Ottubru, 2007 allegatament mibghut lill-attur (fol. 37), giet esebita kopja tal-iskrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu datata 31 ta' Marzu, 1999 (fol. 40), l-ittra ndirizzata lid-Dipartiment tat-taxxi f'Melbourne (fol. 57). Ma giet esebita l-ebda skrittura ohra ta' kostituzzjoni ta' debitu u lanqas issemmiet bl-ebda mod remot minn Michael Zammit f'dan l-istadju tal-proceduri ghalkemm inghata spazju ampju sabiex jixhed.

Konsegwenti ghal din ix-xhieda l-konvenuti kollha gew awtorizzati jipprezentaw r-risposta taghhom a fol. 66 et seq tal-process. Mar-risposta regghu gew esebiti d-dokumenti li kien gia esebixxa Michael Zammit fix-xhieda tieghu u xejn aktar ghajr fotokopja tal-karta tal-identita' tieghu.

F'dan l-istadju l-attur permezz ta' rikors datat 11 ta' Frar, 2014 ikkontesta quddiem il-Qorti l-veracita' tal-iskrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu a fol. 40 dok MZ 3 tal-process b'mod partikolari l-firma tieghu u dik tal-Avukat Victor Bajada. Il-konvenuti ma opponewx ghat-talba tal-hatra ta' espert kaligrafiku u gie nominat is-Sur Joseph Mallia. A fol. 209 et seq konsegwentement jinsab esebit ir-rapport tal-espert is-Sur Joseph Mallia li kellu l-inkarigu kif isegwi:

'1. jezamina d-dokument MZ 3;

2. jezamina l-firma allegatament ta' Louis Zammit u jirrelata jekk hijiex il-firma tieghu u / jew kitba tieghu;

3. jekk il-firma allegatament tal-Avukat Victor Bajda hijiex il-firma u / jew kitba tieghu,

4. jezamina d-dokument 'A' esebiti mal-affidavit ta' Louis Zammit, u

5. jirrelata jekk il-kitba li hemm fuq tali dokument hijiex ta' Michael Zammit,

6. jisma' dawk ix-xhieda u jitlob dawk id-dokumenti li jidhirlu li huma neccessarji sabiex jaqdi l-inkarigu lilu moghti.'

Jirrizulta li fis-seduta tal-15 ta' Mejju, 2014 'gie deciz illi ma' kienx hemm aktar il-htiega li l-esponent jezamina d-dokument 'A', ghaliex gie maqbul illi din il-kitba kienet inkitbet minn Michael Zammit. Gie maqbul wkoll illi l-kitba li tidher fuq in-naha tal-lemin isfel tad-dokument MZ 3 . . giet miktuba minn Michael Zammit.'

Wara diversi seduti u ezami estensiv hafna l-espert wasal ghall-konkluzjoni segwenti permezz ta' rapport datat 25 ta' Lulju 2014 (fol. 230 et seq):

'Illi wara li gew ezaminati, studjati u kkomparati l-kopja tal-firma allegatament ta' Louis Zammit kif wkoll il-kopja tal-firma allegatament tal-avukat Victor Bajada li jinsabu miktubin fuq id-dokument MZ 3 mal-kampjuni tal-firma tal-istess Louis Zammit u tal-avukat Victor Bajada, l-esponent jikkonkludi dan li gej:

1. Illi gew identifikati diversi diskrepanzi, inkompatibilita' u nuqqas ta' qbil fil-punti karatteristici fil-kors tal-kitba bejn il-kopja tal-firma allegatament ta' Louis Zammit li tinsab miktuba fuq id-dokument MZ 2, u l-kampjuni tal-firma tal-istess Louis Zammit.

2. Illi minn dawn l-istess ezamijiet irrizulta illi l-ittra "a" li ssegwi l-ittra kapitali "Z" u l-ittra "i" li ssegwi l-ittri "mm" fil-kunjom "Zammit" huma neqsin fil-kors tal-kitba f'din l-istess firma.

3. Jirrizulta trehid fil-kors tal-kitba fil-linja li ssawwar din il-firma.
Dan huwa rizultat ta' ***'slow writing'.***

4. Illi gew identfikati diversi diskrepanzi nkompatibilita' u nuqqas ta' qbil fil-punti karatteristici fil-kors tal-kitba, bejn il-kopja tal-firma allegatament tal-avukat Victor Bajada li tinsab miktuba fuq id-dokument MZ 3, u l-firma tal-istess avukat Victor Bajada li tinsab miktuba fuq id-dokumenti Cit. Nr. 981/1995 fl-ismijiet Avv. V. Bajada –vs- Terry Keith W u Cit. Nr. 137/1996 fl-ismijiet Solnit Ltd –vs- Castle Hill Ltd.'

Jigi notat illi l-konvenuti fl-ebda mument fl-atti ma talbu li jigu mqabbda periti perizjuri wara r-rapport hawn fuq ikkwotat ghalkemm irriservaw id-dritt tal-eskussjoni li saret lejn l-ahhar tal-kawza.

Jirrizulta lil din il-Qorti li ghal madwar sitt xhur shah ma gie prezentat xejn aktar fl-atti ta' din il-kawza. Skont ix-xhieda ta' Michael Zammit in subizzjoni a fol. 309 tal-process datata 21 ta Novembru, 2014 jirrizulta li l-iskuza li gab ghalfejn missieru ma kien jaf b'xejn bl-arrangament li kellu ma' zijuh l-attur dwar il-flus kienet ghaliex skont hu l-attur kien jaghmel emfazi li hutu u t-tfal ta' hutu ma jkunux jafu (fol. 309). Pero' f'diversi partijiet ohra tax-xhieda tieghu l-istess Michael Zammit isostni li kienet fuq talba ta' zitu Rosina Zammit li huwa kien qed izomm kollox mistur ghaliex hi kienet titolbu jaghmel hekk. Fl-istess xhieda Michael Zammit ukoll isostni li ma hassx il-bzonn li jzomm prova li l-flus ghaddew ghandu nkluz il-flus tad-depozitu:

'Ghadda ghandi mill-ewwel ghax hekk konna miftehmin, qed tifhem, u kont poggejtu *clients account* ghax il-kuntratt kien ghadu ma sarx u ma konniex nafu hux ha jimmaterjalizza jew le, qed tifhem.' (fol. 312)

Ghalkemm Michael Zammit a fol. 312 jixhed li meta kienet ser taghmel it-testment zitu huwa hass il-bzonn li jkun hemm ix-xhieda ghall-istess testment, xhieda mehuda minnu stess fid-dar taghha li kienu klijenti tieghu (fol. 312) fil-kaz tal-flus li ghaddew ghandu minghand missieru dakinhar tal-kuntratt tar-raba' jghid li ma hassx il-htiega li jkun hemm evidenza dokumentarja ta' dan u lanqas hass il-htiega li jkun prezenti meta saru l-allegati skritturi ta' kostituzzjoni ta' debitu.

F'din ix-xhieda wkoll Michael Zammit isostni li Rosina Zammit fl-ahhar ftit ta' hajjitha kienet qaltlu b'dawn il-flus mislufa lill-attur (fol. 312) izda f'partijiet ohra tax-xhieda tieghu jsostni li huwa kien ilu zmien jaf li zitu kienet tibghat il-flus lill-attur u ssellfu l-flus ghaliex kienet tghidlu hi biex jghinha. Sahansitra jsostni li kienet tghidlu biex jixtrilha l-flus minn fuq l-idejn u din tibghathom bil-posta normali fl-ittra bl-ajru!. (fol.411 et seq)

F'din ix-xhieda wkoll datata 21 ta' Novembru, 2014 (sitt xhur wara r-rapport tal-espert u mill-anqas sena u hames xhur wara li giet intavolata l-kawza) tissemma' ghall-ewwel darba fil-Qorti skrittura ohra ta'

kostituzzjoni ta' debitu li allegatament saret bejn l-attur u l-mejta Rosina Zammit u dan fil-mument li l-konvenut Michael Angelo Zammit gie konfrontat bl-iskrittura li skont l-espert tekniku giet dikjarata li l-firem fuqha m'humiex kompatibbli. Dwar din l-allegata tieni skrittura l-konvenut Michael Angelo Zammit jixhed kif isegwi:

'Avukat:
Jekk nghidlek li dik, ha nurih ftit l-iskrittura a fol 40 jidhirli, jekk nghidlek li dik l-iskrittura qatt ma giet iffirmata u giet mahluqa, krejata minn xi hadd, jekk nghidlek, minnek xi tghidli?

Xhud:
Nghidlek li mhux veru.

Avukat:
Jekk nghidlek li l-firma li hemm hemmhekk la wahda m'hi tal-Avukat Victor Bajada u lanqas l-ohra m'hi ta' Louis Zammit, xi tghidli?

Xhud:
It's up to him, hu gabhieli, dik tajtu ohra minflokha.

Avukat:
Jigifieri int qed tghid li dik lanqas saret quddiemek?

Xhud:
Le, le, ma saritx quddiemi.

Avukat:
Jigifieri int qed tghid li dan Louis Zammit gie b'din il-karta qallek ha hudha?

Xhud:
Le, le, le, dak kien hemm skrittura ohra, u qed nipprova nittraccjaha.

Avukat:
Xi skrittura ohra?

Xhud:
Skrittura fejn kien hemm kostituzzjoni ta' dejn bejn Louis Zammit versu Rosina Zammit.

Avukat:
U inti jekk kont daqshekk midhla ta' din Rosina Zammit u qghadt tmur terfalha l-kaxxi u tghinha u riedet taghtik kollox, possibbli ma tatekx din il-famuza skrittura?

Xhud:
Jien diga' ddikjarajt li kelli l-iskrittura.

Avukat:
Sewwa.

Xhud:
Iddikjarajt.

Avukat:
A fejn hi din l-iskrittura mela ha narawha?

Xhud:
L-iskrittura tajtha lilu, tajtha lilu u gabli din.

Avukat:
Lil min tajtha?

Xhud:
Mhux lil Louis Zammit, lil min tridni naghtiha.

Avukat:
Sewwa.

Xhud:
Louis Zammit beda jaghmel pressjoni ghax ried isiefer niftakar, u jien ghidtlu 'kif ha nirrangaw fuq din' qalli 'halli f'idejja', gabli l-iskrittura u tajtu l-ohra u tani din.

Avukat:
Sewwa, tajjeb. U xhieda ta' terzi persuni li verament kien jezisti dan id-dejn ghandek, qatt qaltlek Rosina quddiem xi hadd li ghandu jaghtiha?

Xhud:

Rosina Zammit, Rosina Zammit lanqas ma kienet turi, l-id ix-xellugija ma kinitx tkun taf x'taghmel l-id il-leminija, *she was constrained to tell me*, kien hemm hafna affarijiet illi, kienet *confident* ta' hafna nies, ma kinitx tghidli wiehed b'tal-iehor.' (fol. 314 u 315)

Dakinhar tax-xhieda Michael Zammit ma pprezentax din l-iskrittura li semma'. Fil-kontro-ezami tieghu a fol. 410 tal-process nhar it-2 ta' Lulju, 2015 jghid li lura f'xi seduta quddiem il-Perit Tekniku huwa kien semma' din l-iskrittura. Skont il-bqija tax-xhieda l-mejta Rosina Zammit kienet fi kliem il-konvenut 'miser' u li kienet taghmel zewg xoghlijiet f'bar antik u kif irrizulta mill-atti bla wisq atrezzamenti fit-triq ta' wara l-Banca Giuratale, t-Tokk, Ghawdex u hanut iehor ta' drapp fi Pjazza San Gorg, Rabat, Ghawdex. Skont l-istess xhud il-mejta Rosina Zammit ghamlet dawn l-eluf kbar ta' flus ((cioe' mill-anqas tnejn u hamsin elf liri Maltin li tat lilu (Lm52,000) u mija u tnax-il elf Lira Maltin (Lm112,000) li allegatament selfet tul iz-zmien lill-attur) minn dawn il-hwienet u l-wirt li hallew il-genituri taghha ghaliex skont hu l-ahwa l-ohrajn hallewha zzomm il-flus tal-wirt hi! Mill-atti jirrizulta li l-bar in kwistjoni kien hanut qadim frekwentat minn ftit nies, minghajr wisq apparat u li s-sors principali ta' flus minnu kien il-bejgh ta' fliexken tal-inbid maghsur mill-familja lill-Maltin u t-turisti. Fir-rigward tal-hanut tad-drapp jirrizulta li dan ma kienx immexxi biss minn Rosina Zammit izda mill-ahwa Zammit jew in-nisa taghhom (fol. 433), tlieta b'kollox u wkoll jirrizulta li dan kien mikri u mhux proprjeta' tal-familja u li kien ilu maghluq mis-snin sebghin (ara fol. 460) cioe' mill-anqas ghoxrin sena qabel mietet Rosina Zammit.

Jirrizulta illi kien mal-affidavit ta' Michael Zammit (prezentat fit-20 ta' Marzu, 2015, ghaxar xhur wara l-ewwel rapport tal-espert tekniku, a fol. 322 et seq tal-process) li tfaccat fotokopja ta' skrittura ohra allegatament iffirmata minn Louis Zammit u l-Avukat Victor Bajada datata qabel l-iskrittura l-ohra ghaliex iggib id-data tal-15 ta' Jannar, 1998, bi kliem identiku bhal dik a fol. 40 tal-process ghajr li bhala kreditrici tirrizulta Rosina Zammit u mhux il-konvenut Michael Angelo Zammit u li skont din l-iskrittura d-dejn kellu jithallas lura fi zmien ghaxar snin filwaqt li l-iskrittura a fol. 40 tal-process tghid li d-dejn kellu jithallas lura fi zmien hmistax-il sena. It-tipa wzata f'din l-iskrittura hija diversa minn dik a fol. 40. Tul il-process, bhal fil-kaz tal-iskrittura l-ohra a fol. 40 tal-process dok MZ 3, il-konvenut ma kienx f'posizzjoni li jipprovdi l-original ta' din l-iskrittura.

F'parti mix-xhieda tieghu Michael Angelo Zammit isostni kemm huwa mexa mill-ahjar ma' zijuh l-attur tant illi kien hu stess li propona li d-dejn jithallas fuq perjodu ta' hmistax-il sena izda f'partijiet ohra mbaghad jghid li huwa ma kellu jaqsam xejn mal-kitba ta' din l-iskrittura ghaliex skont hu kien l-attur minn jeddu li mar wahdu ghand l-Avukat Bajada u ghamel din l-iskrittura u tahielu lesta (ara fol. 314 u 315 komparat ma fol 331):

'Illi meta mietet iz-zija, zijuwi kien ben konxju illi kellu jhallas l-ammont ta' Lm112,000.00 ghaliex, kif fuq imsemmi, dan johrog mid-dokument li permezz tieghu huwa kien ikkostitwixxa ruhu bhala debitur ta' ziti fil-15 ta' Jannar, 1998 (Dokument JF1), liema dokument ziti kienet ghaddietli quddiemu stess. Louis Zammit qatt ma ried juri lill-membri tal-familja taghna illi huwa kien issellef ammont daqshekk sostanzjali minghand iz-zija u kien dejjem jinsisti mieghi u maz-zija biex hadd ma jkun jaf dwar dan. Fil-fatt missieri lanqas biss kien jaf li zijuwi kien debitur ta' ziti.

Niftakar illi qabel ma telaq minn Ghawdex wara l-mewt ta' ziti jiena kont avvicinajt liz-ziju fejn tlabtu biex jara kif ha jirranga fuq l-iskrittura ta' dejn li kellu versu z-zija u hu qalli biex inhalli f'idejh u ftit granet wara gie bid-dokument anness bhala Dokument MZ 3 mar-risposta guramentata u f'dan il-punt kien sar l-iskambju tad-dokumenti originali cioe' jiena tajtu l-originali ta' Dokument JF 1 u hu tanti l-originali ta' Dokument MZ 3. Dan l-iskambju sar fl-ufficju tieghi gewwa Victoria Ghawdex.

Sussegwentement gara illi wara li sar il-bejgh ta' plot ta Louis Zammit missieri mexa mal-istruzzjonijiet verbali li kellu minghand Louis Zammit u ghaddhieli l-flus immedjatament. Jiena, wara li naqqast l-ammonti msemmija f'Dokument MZ 1 anness mar-risposta guramentata, datat 15 ta' Ottubru, 2007, kont bghatt lil Louis Zammit dan id-dokument flimkien mal-original ta' Dokument MZ 3 u kont ktibt illi l-ammont li zijuwi kellu jatini kien gie pacut u dan wara li rrinunzjajt ghall-bilanc ta' Lm1,300 li suppost kien ghad fadallu jtini.'

Dan allura jfisser li l-konvenut Michael Zammit ghalkemm insista bi shih u mpona fuq ammissjoni tieghu li missieru kellu jithallas is-somma ta' Lm3,000 senserija u fuq Lm1,000 spejjez ta' xoghol missieru b'dana li skont l-istess konvenut gie Lm1,300 minn taht, f'daqqa wahda dan

iddecieda li jmur hu minn taht u jirrinunzja ghal Lm 1,300. Il-Qorti ssib dan kollu mhux wisq konvincenti.

Il-Qorti rat l-affidavit ta' Michael Zammit a fol. 322 et seq tal-process u kkonstatat illi mill-anqas sa fol. 330 tal-process dan jikkonsisti f'sottomisjonijiet tal-konvenut aktar milli xhieda u kummenti dwar x'sehh snin qabel - skont hu minn interpretazzjoni li jaghmel hu ta' fatti li bosta minnhom ma kienx involut fihom hu. Fl-istess affidavit isegwi jispjega li l-ammonti li wara l-bejgh huwa ghadda lil zijuh tramite l-kumpanija tieghu Michael Zammit Holdings b'semplici 'transfer' minghajr ebda skrittura koprenti l-istess kienu self ulterjuri lill-attur. Nonostante dak li l-attur suppost ghadda minnu ma' ohtu dwar self u mhux self il-konvenut hassu xorta wahda komdu li jselfu s-somma ulterjuri ta' madwar €50,000 minghajr ma kkawtela ruhu bl-ebda skrittura. Il-Qorti ssibha difficli sabiex temmen tali verzjoni tal-fatti. Il-konvenut jghid li huwa waqaf jibghat il-flus lil zijuh meta beda jissuspetta li dan kien qed jilghabhom. Il-Qorti tinnota li filli allura l-konvenut Michael Zammit skont l-affidavit tieghu u xhieda ulterjuri tieghu hu kien jaf dak kollu li kien ghaddej fil-familja bejn missieru u hutu nkluz bejn zitu u l-attur sa minn meta kien zghir izda b'kuntrast kbir jghid ukoll li kien biss recenti li f'daqqa wahda sar jaf li zijuh kien jilghab il-flus. Lill-Qorti rrizultalha li din l-allegazzjoni saret fl-atti tal-kawza, l-ewwel darba, wara li kien l-attur stess li pprezenta korrispondenza minghand ohtu Rosina Zammit fejn tikkonfermalu li kienet laghbet in-numri tal-lottu li ndikalha hu. Minn din is-sentenza wahda f'ittra ta' zitu l-konvenut jibni storja shiha li l-attur jilghab il-flus u ghandu problema tal-loghob meta anki xhieda terzi li jafu l-attur kemm Ghawdex kif ukoll l-Awstralja fosthom Father Vincent Pavia (fol. 403) li ghex mieghu fl-Awstralja cahdu dan kollu u anki kkonferma li sa fejn jaf hu l-attur kien jahdem minn tnejn sa tliet xoghlijiet u li kien jghix hajja komda hafna. Biex ikompli izejjen fil-kontro-ezami estensiv tieghu l-konvenut Michael Zammit isostni li biex skont hu jghid il-verita' anki zitu Rosina Zammit kienet thobb tilghab il-lottu (fol. 420). Din ukoll hija allegazzjoni li nibtet f'daqqa wahda lejn l-ahhar tal-process. U jekk, skont il-konvenut li tilghab il-lottu jfisser li tant tberbaq flus li jkollok tissellef kif qed jakkuza lill-attur, mhux l-istess argument japplika ghaz-zija tieghu li skont hu b'mod kontradittorju ghall-ahhar kellha l-mijiet tal-eluf tal-liri Maltin x'issellef u tqassam lin-nies.

Illi wara l-prezentata tal-affidavit tal-konvenut Michael Zammit, l-attur Louis Zammit rega' cahad kategorikament li huwa kien jaf bit-tieni skrittura esebita mill-konvenut li allegatament tevidenzja kostituzzjoni ta' dejn bejnu u ohtu Rosina Zammit (ara rikors a fol. 362 tal-process) u talab li anki din l-iskrittura tigi analizzata sabiex jigi verifikat jekk il-firem humiex genwini. L-attur fil-kontro-ezami tieghu (fol. 365 et seq) li sar fl-istess jiem tar-rikors baqa' jsostni li huwa lil ohtu qatt ma talabha flus anzi kien hu li kien jibghatilha l-flus (fol 366). Jammetti li kien hemm ittra fejn fiha talab lil ohtu biex tistaqsi lil huh jekk setghux isellfuh flus fuq il-proprjeta' tieghu izda jghid li dan fil-fatt qatt ma sehh ghaliex kien irranga mal-bank u dan kien f'cirkustanza straordinarja meta kien qed jissepara minn ma' martu. F'din ix-xhieda jibqa' jichad b'mod kategoriku li Rosina Zammit qatt selfitu flus, wisq anqas Lm112,000 anki jekk fuq perjodu ta' zmien kif f'mumenti minnhom jallega l-konvenut Michael Zammit. In oltre, l-attur meta jixhed dwar il-flus li l-konvenut Michael Zammit baghatlu l-Awstralja wara li sar il-kuntratt tar-raba' l-attur fil-kontro-ezami jsostni kif isegwi:

'Avukat:
Ha nurik il-bank statements a fol. 76 il-quddiem tal-process. Naqblu illi inti kont ircevejthom dawn il-flus minghand il-kumpanija ta' Michael Zammit?

Xhud:
Iva. U zgur, mela.

Avukat:
U kont naqqast ukoll it-talba tieghek.

Xhud:
Iva. U meta tlabtu ghall-ghoxrin lira Maltin (Lm 20) qabad jaqbez *(hawnhekk irrizulta li l-attur kien qed jirreferi ghas-somma ta' Lm20,000 - Qorti)* , beda jgerger, qalli, se nnehhihom minn hemm. Ghidtlu, kif se tnehhihom minn hemm? Ghidtlu, kif se tnehhihom minn hemm? U ma rrispdoninix izjed. Qata' u minn dakinhar it-telephones kienu disconnected u ma stajtx inkellimhom lil hadd u jiena ikkonfondejt, cempilt lil hija l-iehor Pawlu Zammit, Alla jahfirlu, ghidtlu mur kellimhom ha jigu hawn, gie Neriku kellemni fuq il-telephone, qalli, dawk il-flus investiti. Ghidtlu, investiti?! Ghidtlu jien ma rridx ninvesti flusi. Ghidtlu ghandi kwazi tmenin sena, f'gieh id-dinja! Ghidtlu, fil-flus

ghalfejn ninvestihom jien? . . . Qalli dawk il-flus investiti. U gejt hawn, ghidtlu, ghidtlu, fejn huma nvestiti? Qalli dawn investiti, qalli, mur staqsi lil Michael. Ghidtlu, insaqsi lilek! Ghidtlu, ma kellekx ghalfejn tghaddihomlu l-flus, m'ghidtlekx tghaddihomlu l-flus lilu, tinvesti flus haddiehor! Ghidtlu, ghidli fejn huma nvestiti? U ma qaluli xejn. Imbaghad wasal iz-zmien biex immur l-Awstralja nerga' u gew it-tnejn bil-lejl, il-lejl ta' qabel li kelli nsiefer. Sewwa? F'xi nofs il-lejl. U Michael tani bicca karta , seventy thousand euros investiti f'tant, u f'hekk u hekk, u fejn m'hemmx. U lanqas firma. *And more money is to be declared later on.* Mort l-Awstralja . . sibt avukat u bghattlu ittra lil Michael biex jghidlu fejn huma l-flus. Sewwa? U dam tliet xhur, ma rrispondiex. Ergajt kellimt lill-avukat tieghi, qalli, se jkollna nqabbdu avukat Malta ghax ma nafx kif jimxu l-affarijiet Malta. Imbaghad kien hemm in-neputija tieghi Miriam Spiteri Debono ghidtilha qabbadni ma' avukat li nista' nafda fih u hi qabbditni .. u ghamilt il-kawza.' (fol. 373 – 374) .

Il-Qorti tqis li din ix-xhieda hija wahda kredibbli anki ghaliex il-kliem uzat mill-attur waqt ir-risposta tieghu huwa tali mod li l-Qorti ma temminx li dawn setghu jigu vvintati fil-mument ta' xhieda bhal per ezempju l-kliem 'qalli, se nnehhihom minn hemm'. Il-Qorti tqis li kieku l-konvenut ma wzax il-kliem investiti mal-attur, kif isostni li qatt ma ghamel f'dak il-mument zgur li llum l-attur ma kienx ser johrog b'tali risposta u juza dan il-kliem tant partikolari.

L-attur isostni wkoll li l-ittra tad-Dipartiment tat-Taxxa fl-Awstralja sabiex jigu nfurmati li l-flus trasferiti (li sa dak iz-zmien tal-ittra kienu ammonti zghar) huwa self kienet idea ta Michael Zammit stess biex l-attur jevita mistoqsijiet minn tat-taxxa u jghid li spicca ma wzahiex. A fol. 376 jixhed in kontro-ezami:

'No, no. Mat-taxxa qatt ma thaditt jiena. Tat-taxxa lili qatt ma kellmuni. Jiena dak ghamiltu, dak ghamiltu, ma ridtx il-flus kollha hemmhekk biex ma jsaqsunix, ma jghidux, dawn il-flus minn fejn gew? Ghax jahsbu li huma *drugs* jew *laundry money, you know what I mean?* Ma ridtx niccappas maghhom. Ghalhekk lil hija Neriku ghidtlu, ibaghtli, meta jkolli bzonn ibaghtli xi haga. Ghax jiena kont naf illi d-dar ta' hawnhekk ridt nirrangaha wkoll. Allura ghidt flus hawnhekk irrid inhalli.'

Aktar 'il isfel dwar il-flus derivanti mill-kuntratt tar-raba' l-attur isostni bla tlaqliq b'mod skjett:

'Il-flus kienu hawn, baqghu hawn. **U nsterqu hawn.** (*emfasi tal-Qorti)*'

L-attur fil-kontro-ezami tieghu, anki meta wiehed ukoll jikkunsidra l-eta' avvanzata tieghu u l-istat ta' sahha tieghu kif setghet tikkonstata din il-Qorti fl-awla, baqa' ferm konsistenti dwar il-verzjoni tal-fatti moghtija minnu. Sahansitra anki fejn l-attur induna li kellu zball dwar l-ammont trasferit lilu ma ppruvax jahbi l-izball izda fl-atti mill-ewwel irranga l-izball malli sab id-dokumentazzjoni li kienet tevidenzja dan kollu u fil-fatt qabel mas-somma sostnuta mill-konvenut li giet trasferita izda dan tal-ahhar jghid li kienet self.

Dwar kif l-attur spicca sar jaf li l-flus kienu ghand il-konvenut Michael Angelo Zammit a fol. 382 tal-process jixhed:

'Xhud:
Kont naf ghax baghthomli Michael, Michaelangelo.

Avukat:
Indipendentement mir-raguni, inti kont accettajt li Neriku, inti kont accettajt li tircievi flus minghand Michael u mhux minghand Neriku?

Xhud:
Accettajt pero' jien ghidtlek diga' – irrid naghmel enfazi, irrid naghmel enfazi – lil Neriku m'ghidtlux jghaddihomlu, sewwa? Neriku ghaddihomlu minn jeddu.'

Fil-kontro-ezami estensiv tieghu (fol. 403 et seq) Michael Angelo Zammit jibda jaghti aktar verzjonijiet dwar kif suppost il-flus li zitu Rosina Zammit kienet issellef lill-attur kienu jghaddu ghand l-attur skont il-konvenut jew bil-posta gewwa l-ittra (air-mail), jew tatihomlu meta jigi Malta izda jghid:

'Meta kienet ittih l-eluf x'hin kien ikun hawn jien ma kontx inkun hemm.' (Fol. 413)

Il-konvenut jipprova jiggustifika kliem zitu f'diversi ittri li gew esebiti fejn hija kienet tirringrazzja lill-attur ghall-flus jew kienet tavzah biex jiehu hsieb flusu u ma joqghodx jibghat flus. Ukoll jipprova jaghti spjegazzjoni ghalfejn zitu li suppost skont hu kienet mimlija bl-eluf tal-

liri kienet tikteb lil huha l-attur illi z-zminijiet kienu difficli hafna. Sahansitra a fol. 442 jammetti illi dak li xehed kien *by deduction* (fol. 442). Il-Qorti izda tqis li dan kollu huma biss kongetturi tal-konvenut u xejn ma huwa bbazat fuq il-provi esebiti anzi tqis li l-provi esebiti, anki l-istess ittri, juru mod iehor. Il-Qorti fehmet li fix-xhieda tieghu fid-diversi partijiet tal-process il-konvenut Michael Angelo Zammit kien dejjem qed jaghti verzjoni li fil-mument tidher li kienet konvenjenti ghalih biex minghalih ikompli jsahhah it-tezi tieghu, ezempju klassiku hija r-risposta tieghu a fol 420 tal-process kif isegwi:

'ha nghid xi haga li qatt m'ghditha, hi kienet tilghab il-lottu, qed tifhem? Jigifieri sa meta kienet l-isptar hi kienet tkun tridni mmur nilghabilha l-lottu li qatt ma mort jien. Qed tifhem? Jigifieri imma qed nghidlek, pero' mainly li ma tigix fid-dejn. Dik kienet l-importanti taghha, li ma tigix fid-dejn u jkollok tbiegh hwejjgek. Fhimtha?'

Mela jew din is-sinjura kienet mimlija bl-eluf id-dar (ghaliex prova li dawn l-eluf kollha kienu jinzammu l-bank ma tressqitx), jew kienet tilghabhom, jew tant kienet tkun stretta li kienet toqghod ferm attenta biex ma tigix fid-dejn. Ma jistax ikun li dawn il-verzjonijiet kollha jimxu ma' xulxin u jiddeskrivu l-istess persuna kif qed isostni l-konvenut Michael Zammit.

Dikjarazzjoni ohra li huwa ovvju li saret mill-konvenut ghaliex kien jaqbillu u mhux ghax ghandha mill-verita' hija dik a fol. 426 tal-process fejn jghid kif isegwi:

'Anke ta' ghaxar (10) snin mort fuq kuntratti jiena.'

Il-Qorti tasal biex temmen li seta' kien prezenti fuq xi kuntratt izda li llum il-konvenut jiftakar id-dettaji tal-istess minn meta kellu ghaxar snin tghidha b'mod skjett li ma temmnux.

Finalment a fol. 427 et seq il-konvenut jammetti ghal diversi drabi li bosta mill-fatti li huwa suppost xehed fuqhom, sar jafhom ghax skont hu qalulu n-nies fosthom familjari tul iz-zmien u mhux ghax ghexhom hu.

A fol. 434 il-konvenut ukoll jixhed bla tlaqliq li ghal zmien twil huwa heba mill-awtoritajiet l-fatt li ma baqax jghix f'indirizz partikolari billi zamm il-karta tal-identita' fuq il-proprjeta' tal-attur biex jigi evitat li jkun

hemm 'requisition order' u ghalhekk minn dan hareg car li l-konvenut mhux l-ewwel darba ghalih li ghamel 'messa in scena' dwar fatti li fil-fatt ma kienux veritieri. Jammetti wkoll li heba mill-awtoritajiet l-fatt li nghata Lm52,000 f'kontanti minghand zitu – jekk dan il-fatt ghandu jitqies bhala li vera sehh! (fol. 445). Izda ghall-konvenut Michael Zammit dawn m'huma xejn.

F'parti ohra tal-kontro-ezami (ara fol. 436) il-konvenut jinqabad f'gidba ohra fil-konfront tal-attur ghaliex wara li kienu zmien fl-atti jsostni li l-attur kien jixrob minghand ohtu minghajr ma jhallas, fl-ahhar maghfus fil-kontro-ezami qabzitlu li fil-fatt l-attur kien jixtri kaxxa whisky u jghaddiha lil ohtu b'dana li huwa kien jew jixrob minn tieghu jew jirrinpjazza li jkun ha. Dan igib fix-xejn l-allegazzjoni tal-konvenut li l-attur kien jirkeb fuq ohtu biex jixrob u l-Qorti tistaqsi ghalfejn dan il-fatt kellu johrog biss fil-kontro-ezami.

Dwar ghalfejn missieru stess (il-konvenut l-iehor) ma jiftakarx li ghaddew ghaxart elef Lira Maltin (Lm10,000) mal-konvenju, f'daqqa wahda minghajr qatt ma ssemma' qabel il-konvenut Michael Angelo Zammit iwahhal f'missieru li ghandu bidu ta' dementia basta jghatti u jdawwar ix-xhieda kif irid hu. (fol. 445).

Il-konvenut a fol. 447 tal-process mistoqsi dwar kif saret it-tieni skrittura ta' kostituzzjoni ta' dejn esebita a fol. 40 u li l-espert qajjem dubju serju dwar il-veracita' tal-firem fuqha qal kif isegwi:

'Avukat:
Ha nerga' nirrifrejsja. "Dr. Victor Bajada, sa fejn naf jien kien qed jintuza biex ikun xhud tal-firem." Inti qatt hassejt il-bzonn li lil Louis tghidlu, isma', ejja naghmlu skrittura u jkun hemm fuqha firmatarji jiena, int, u jkun hemm xi hadd li jkun xhud tal-firem, f'dan il-kaz, forsi, ma nafx, l-Avukat Victor Bajada. Ghidli, qatt ghamiltlu din il-premura?

Xhud:
Le qatt, le qatt.

Avukat:
Jigifieri int ghalik kien sodisfacenti li jgiblek karta li ma kontx prezenti ghaliha, int, u jkun hemm din is-somma kbira ta' flus involuta. Ghax din mhux qed nitkelmu fuq lira jew tnejn. Dan qed nitkelmu fuq one

one two thousand jidhirli jew xi haga hekk. Eluf insomma. Qatt m'ghamilt dik il-premura.

Xhud:
Le, qatt. Qatt.

Avukat:
Qatt, issa, inti ghidtli dan gie u tak id-dokument. Kemm nirreferi ghalih, inti ghid li Louis gie lura u tak karta ohra li fuqha kien hemm il-firma tal-Avukat Victor Bajada u allegatament il-firma ta' Louis Zammit ukoll fil-wiehed u tletin (31) ta' Marzu nieteen ninety nine (1999) iffirmata din, maghmulha, id-dokument NZ 3, pagna 40. Issa fuq dan id-dokument hemm li d-dejn huwa minghajr imghax u jrid jithallas a saldu mhux aktar tard minn hmistax-il (15) sena mid-data ta' hawn fuq, cioe' mill-wiehed u tletin ta' Marzu, elfejn u erbatax (2014). Jekk inti ma kontx prezenti, ma kellekx x'taqsam ma' din l-iskrittura u kif ghidt fl-affidavit tieghek inti semplicement ghidtlu, isma', x'ser naghmlu fuq dik il-karta u qallek, halli f'idi issa nirranga jiena. Minn fejn hargu dawn l-allegati zmien u kif kellu jithallas bla imghax u le?

Xhud:
Dak tkellima jigifieri fuq dawn l-affarijiet. Ma tafx li tkellemna.

Avukat:
Jigifieri inti mela qghadt titkellem fuq kif kellhom isiru l-pagament ta' dan is-self u fl-istess hin imma ma hassejtx il-htiega li tkun prezenti u tkun anke parti minn skrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu. Qed naqblu?

Xhud:
Iva, iva, ezatt. . . .

Avukat:
Issa, inti ma' Dottor Victor Bajada qatt mort ivverifikajt l-awtenticita' tal-firma tieghu fuq dan id-dokumenti?

Xhud:
Le, jiena lil Dottor Bajada kont habib tieghu specjalment dak iz-zmien tan-ninety nine ('99) ghax konna ha konna ha narmaw fil-financial services ma' xulxin – issa zomm wahda – qatt ma staqsejtu xejn . . . . Niftakar dak iz-zmien kien jigi l-ufficcju tieghi wara nofsinhar kellu

Mercedes minghalija hadra dak iz-zmien – qed nitkellem mill-memorja imma nahseb li sejjer tajjeb – ghax imbaghad jiena ftit xhur wara ftaht Cipru u hu kien qed jikkunsidra li jidhol shab mieghi.

Avukat:
Inti ma' Dottor Bajada fuq dawn l-iskritturi qatt ma tkellimt.

Xhud:
Qatt. Qatt.'

Din il-Qorti tara mill-anqas tliet punti f'din ix-xhieda li jgeghluha tahsibha darbtejn qabel temmen il-verzjoni kif moghtija mill-konvenut. Il-Qorti ssibha difficli li temmen li l-konvenut li xoghlu huwa wiehed metikoluz fuq flus, li jhalli li l-attur wahdu jaghmel il-kostituzzjoni tad-debitu favur tieghu meta l-Qorti rat li f'istanzi ohra bhal per ezempju fit-testment ta' zitu, fil-konvenju tar-raba' u fil-kuntratt tar-raba' huwa dejjem assigura li jkun prezenti. Ukoll in vista tal-fatt li din l-iskrittura suppost saret ghand Avukat li huwa kien jaf sew allura ma kien ser jiddejjaq xejn li jmur u jara li almenu din l-iskrittura ssir sew. It-tieni l-fatt li l-konvenut inqabad, tista' tghid diversi xhur wara li sar l-ewwel rapport tal-espert tekniku, li huwa kien habib ferm tal-Avukat Victor Bajada tant li beda jixhed fuq il-hsieb li kellhom li jifthu flimkien u f'daqqa wahda qisu nduna li kien qed jikxef wisq u waqaf. It-tielet wahda hi li l-Qorti ssibha ferm difficli biex temmen li la darba Dottor Bajada kien ferm konoxxenti tieghu tant li kien imur l-ufficcju tieghu u kienu qed jahsbu biex jifthu flimkien illi Michael Angelo Zammit qatt ma tkellem mieghu fuq dawn l-allegati zewg skritturi li suppost saru dak iz-zmien fil-prezenza tal-Avukat imsemmi bhala xhud tal-firma, mill-anqas wiehed jistenna li kien jirringrazzjah tat-tieni skrittura mghoddija lilu mill-attur izda, le xejn, qas 'qatt' kellmu fi kliem il-konvenut. Dan il-fattur izda min-naha l-ohra jevidenzja wkoll lil din il-Qorti li stante l-konoxxenza stretta li kellhom bejniethom l-Avukat Bajada u l-konvenut il-Qorti ma ssibhiex difficli li temmen li l-konvenut seta' kellu u ghad ghandu dokumenti bil-firma tal-Avukat Bajada.

Il-kliem uzat mix-xhud a fol. 452 jevidenzja wkoll lil din il-Qorti l-animu dwar kif jirraguna u jahdem il-konvenut Michael Angelo Zammit:

'Avukat:

Perezempju s-senserija nimmagina li kontu qbiltu, naqblu per ezempju li l-ammont tas-senserija kontu qbiltu fuqu qabel ma sar il-bejgh? Ma nahsibx li inti wara li jkun sar il-bejgh tghidlu, isma', eh bilhaqq ghandek tlett elef senserija ta. Il-bniedem tghidlu qabel, le?

Xhud:
Jiena s-senserija mponejtha wara l-kuntratt. Ghidtllu, dak tah tlett elef u inti trid ittih tlett elef ghax hekk imorru l-affarijiet. Qed tifhimni? ***Li kien ghal missieri ma hadlu xejn. Jien imponejt. Qed tifhem?*** (emfasi tal-Qorti)

Avukat:
A l-elf u tliet mija tax-xoghol ta' supervizjoni ta' missierek wara wkoll?

Xhud:
Wara, mhux ghalhekk domt ma bghattu!

Avukat:
Sewwa, jigifieri inti meta mbaghad kellek il-bargaining power ghax kellek il-flus kollha f'idejk, ***imbaghad bdejt timponi u tohloq dawn l-ammonti, hux hekk?***

Xhud:
***Ehe,*** *(emfasi tal-Qorti)* u ghamilt waiver ta' tlettax-il mija. Jigifieri mhux il-bargaining power. Mela, ma nafx liema sensar ha jmur ibiegh u ma jiehux.' (fol. 452)

Hawnhekk il-Qorti tinnota li l-konvenut qed jitkellem dwar servizz li ta' missieru l-konvenut l-iehor lil huh stess l-attur izda dan il-konvenut Michael Zammit ma kkunsidrahx jekk dak li qed jghid huwa minnu.

Meta mistoqsi direttament jew ahjar rinfaccjat bil-verzjoni illi wara li missieru ghadda l-flus lilu huwa qabad u nvestihom u ghamel li ried bihom minghajr ma qatt ta nformazzjoni dwarhom lill-attur huwa jirrispondi:

'Ma kelli l-ebda obbligu li nghid lil Louis ghax dawk ma kinux flus ta' Louis.' (fol 458).

Huwa wkoll f'dan l-istadju ta' kontro-ezami estensiv li Michael Zammit meta mistoqsi dwar id-dokument a fol. 115 esebit nhar il-17 ta' Jannar, 2014 (li juri numru ta' nvestimenti miktuba minnu u li l-attur isostni li hija karta li tah l-istess konvenut sabiex jurih fejn suppost kienu l-investimenti) ghalkemm precedentement cahad li kienet karta tieghu izda fl-istadju tal-kontro-ezami u minghajr ma qatt ma ta din il-verzjoni qabel, lanqas fl-affidavit, ftakar li dik kienet karta li huwa ghamel ghal xi klijent iehor u li skont hu kumbinazzjoni nesa' file ghand l-attur meta kien qieghed Ghawdex u allura l-attur hadlu din il-karta (Fol. 458). Aktar 'il isfel jixhed hekk meta mistoqsi jekk dik il-karta tahiex lill-attur biex jaghlaqlu halqu:

'Avukat:
Jigifieri jekk nghidlek li din inghatat minnek stess lil Louis biex taghlaqlu halqu fejn marru l-flus fuq il-kuntratt, tal-kuntratt, dan inti ha tichdu, hux hekk?

Xhud:
Mhux ha nichdu. *They don't even tally. They dont' even tally.*'

Ix-xhieda kollha suesposta kif imposta mill-istess konvenut u l-kliem uzat minnu xejn ma tikkonvinci lil din il-Qorti li kien qed jghid il-verita' anzi pjuttost il-Qorti tara li verament il-konvenut kellu r-risposta preparata ghal kollox izda ghaliex kien haseb minn qabel kif kellu jirrispondi f'kaz ta' certu domandi u dan il-Qorti tqis li johrog car mill-istess xhieda.

Minn fuq a fol. 459 il-konvenut jixhed ukoll li meta zijuh ried ibiegh l-ghalqa u hu offra li jixtriha hu biex jaghmel set-off, skont hu zijuh l-attur f'dak il-mument qallu 'lilek le'. Skont il-konvenut Michael Zammit ir-risposta tal-attur kellha tinftiehem li zijuh kellu 'l-intenzjoni tieghu mhux retta'. Il-Qorti ma fehmitx ghalfejn dan il-kliem kellu jwassal li wiehed jifhem li l-attur kellu l-intenzjoni mhux retta pjuttost il-fatt li ried jixtri hu seta' jkun ta' evidenza li l-konvenut ma kellux intenzjoni wisq retta fl-affari u wkoll jekk gia f'dak il-mument l-attur ma kienx qed jafda lill-konvenut Michael Zammit wisq anqas temmen li l-attur, li kieku l-verzjoni kienet kif qed jghid l-istess Michael Zammit, li l-attur jaqbad u jghid lil huh biex jghaddi r-rikavat kollu lil Michael Zammit minghajr ma tinzamm ebda evidenza f'dan ir-rigward kif Michael Zammit isostni li sehh.

A fol. 461 tal-process fir-ri-ezami tal-konvenut Michael Zammit il-Qorti rat ukoll illi bil-mod kif irrisponda l-konvenut deher car li kien ghamel il-'home-work' sew dwar il-firma tal-Avukat Bajada:

'Victor Bajada jiena gieli rajt firem tieghu ghax ahna konna klijenti tieghu u kien jibghatilna kontijiet. Jien –

Avukat:
Jigifieri meta rajt dik il-firma inti fuq dawk id-dokumenti giek x'tahseb li seta' ma tkunx tieghu jew qisek gharaftha?

Xhud:
Le ta, ma tajtx kaz, onestament. Ghax Victor Bajada per ezempju nista' nurik kontijiet antiki tieghu, kien jiffirma "V" kbira. Hawnhekk iffirmat fil-kuntratt kumbinazzjoni l-kuntratt tad-divizjoni ghax kien jahdem man-nutar, kitibha shiha. Lanqas tajt kaz. Hadtha for granted jien.'

Fl-ambitu ta' kif zvolgew dawn il-proceduri l-Qorti ma tqisx li huwa biss b'kumbinazzjoni li l-konvenut kien jaf ferm tajjeb il-firma ta' Avukat li kien jibghatlu l-kontijiet bosta snin qabel u li kumbinazzjoni kien firmatarju bhal xhud fuq l-iskritturi nvoluti f'din il-kawza u li fuqhom tiddependi tista' tghid ir-rebh jew it-telf tal-kawza tal-attur.

Dwar it-talba sabiex tigi analizzata mill-espert tekniku anki t-tieni skrittura l-Qorti laqghet l-istess u gie pprezentat rapport fl-atti datat 3 ta' Settembru, 2015 u cioe' wara x-xhieda kollha msemmija u kkwotati mill-Qorti aktar 'il fuq fejn il-konkluzzjonijiet tal-espert tekniku din id-darba, wara li saret emfasi kbira mill-espert li l-investigazzjoni tieghu kienet limitata u ma setghatx tkun konklussiva stante li d-dokumenti in kwistjoni kien fotokopja u mhux l-originali, kienu kif isegwi (a fol. 502 tal-process):

'aktar 'il isfel f'din l-istampa jidhru kopji tal-firma originali tal-avukat Dr. Victor Bajada mehuda minn fuq att numru 343, att numru 636 u att numru 650.

Dawn il-firem genwini setghu *(minhabba li d-dokument huwa fotokopja)* tpoggew minflok il-firma kontestata tal-avukat Dr. Victor Bajada, jew taht xi skrittura ohra.

L-istess ezempju japplika ghall-firma tas-Sur Louis Zammit.

Illi l-esponent ghandu jirrelata, illi bl-ebda mod ma jrid jallega li f'dan il-kaz sar jew seta' sar hekk, izda hija possibilita' li tista' ssir fil-kazi ta' analizi ta' skritturi stampati fuq foto kopji.

Illi minkejja li gew identifikati punti karatteristici kompatibbli u ohrajn inkompatibbli fil-firem taht ezami, minhabba l-possibilta' fuq imsemmija, il-konkluzjonijiet tal-esponent irrizultaw inkonklussivi.'

Il-Qorti nnotat ukoll il-kontenut tad-domandi in eskussjoni li saru lill-Perit u r-risposti tieghu a fol. 539 et seq tal-process. F'dawn it-twegibiet l-espert tekniku jinsisti kif isegwi:

'Nerga' nirrepeti illi z-zewg firem huma fotokopji tal-original u certu dettalji fil-kors tal-kitba ma humiex definiti. Ma' dana kollu l-esponent huwa tal-fehma illi ghalkemm hemm xebh fil-kors tal-kitba, jirrizultaw ukoll punti ta' diskrepanza bejn dawn iz-zewg firem. . . .

It-trapass ta' ghaxar snin minn fuq il-firma ta' Louis Zammit jistghu jincidu xi diskrepanzi minimi fil-kors tal-kitba tal-firma mill-istess awtur, izda l-kostruzzjoni tas-sillabi kif wkoll punti karatteristici partikolari tal-individwu fil-kors tal-ktiba tieghu jibqghu l-istess, ghajr ghal xi varjazzjonijiet minimi li huma komuni u accettabbli. ' (fol. 540)

Mistoqsi wkoll jekk innotax diskrepanzi bejn id-diversi firem mhux kontestati ta' Louis Zammit migbura kemm minnu u kemm fl-atti jirrispondi kif isegwi:

'Illi fil-kampjuni tal-firma ta' Louis Zammit kif rilaxxjati volontarjament minnu fil-prezenza tal-avukati tal-partijiet u li minnhom gew iffirmati, kif ukoll il-firem tal-istess Zammit li gew ezaminati u li fuqhom irrelatajt fiz-zewg rapporti tieghi, gew misjuba punti karatteristici fil-kors tal-kitba li huma kompatibbli ma' xulxin ghajr ghal xi varjazzjonijiet zghar li huma komuni u accettabli fil-kors tal-kitba mill-istess awtur.

L-esponenti ghandu jirrelata illi fl-ewwel u fit-tieni rapport l-ezamijiet komparattivi saru fuq dokumenti origianli (fejn kien possibbli) indikati

bi qbil bejn l-Avukati rispettivi tal-partijiet, u li taghhom ghaddewli fotokopji.' (fol. 541)

Il-Qorti nnutat ukoll ix-xhieda ta' Charlie Haber (fol. 187) kemm permezz ta' affidavit kif ukoll fil-kontro-ezami (fol. 527) li sa fejn seta' hu kkorrobora dak espost mill-attur li almenu mid-dehra Rosina Zammit xejn ma kienet mara li tidher li taqlaghha sew anki mill-kundizzjoni ta' persuntha, tal-bar li kienet tahdem fih u l-mezzanin zghir sovrastanti li kienet tghix fih. Sahansitra jikkonferma li kienet qaltlu l-istess Rosina Zammit li t-televizjoni fil-'bar' kien xtrahulha l-attur u mhux xtratu hi. Jikkonferma wkoll li kien jisma' lil Rosina Zammit tghid lil certa Maria ta' Fissa fil-prezenza tieghu li Lewis Zammit kien jibaghtilha l-flus ghax kieku ma tmexxix (fol. 532). Mistoqsi kif isegwi:

'Avukat:
Mela, meta tghidilna li din ma kintix tizbogh, u etc., din ghax kienet qisha mara traskutrata. Kienet naqra –'

Ix-xhud iwiegeb skjettement u bla tlaqliq:

'M'hemmx mezzi, hekk kienet tghidli, m'hemmx mezzi. Mur ara l-gallarija, ghadha biz-zebgha taz-zejt u niezla fuq in-nies.'

Il-Qorti ma tara l-ebda raguni valida ghalfejn dan ix-xhud ma ghandux jitwemmen stante li ma rrizulta li ghandu l-ebda nteress personali f'din il-kawza.

Illi din il-Qorti wara li rat diversi drabi l-atti kollha f'dawn il-proceduri u ghamlet l-analizi tal-provi kollha mressqa fl-atti kif ukoll wara li rat l-ezami u l-konkluzzjonijiet tal-perit tekniku fir-rapporti tieghu tqis illi l-verzjoni li ghandha mill-verita' hija dik tal-attur u mhux tal-konvenuti. Il-Qorti tqis li l-attur kien konsistenti ferm fix-xhieda tieghu u fejn kellu zball dan amettih mal-ewwel opportunita' li kellu filwaqt li l-verzjoni moghtija primarjament mill-konvenut Michael Zammit hija mminata b'diversi nkonsistenzi, reticenza biex jitressqu l-provi rilevanti, fatti li suppost sehhew li izda bdew johorgu ftit, ftit tul il-pendenza tal-kawza nonostante li suppost kienu ben noti sa mill-bidu u fuq kollox rapporti tal-espert tekniku mqabbad minn din il-Qorti li jqajmu dubji serji hafna dwar l-awtenticita' tad-dokument a fol. 40 tal-process u li huwa appuntu

l-kostituzzjoni ta' dejn, suppost, mill-attur a favur tal-konvenut, kif ukoll certament iqajmu dubju wkoll fuq l-awtenticita' tad-dokument JF 1 esebit mal-affidavit tal-konvenut Michael Angelo Zammit u li suppost jevidenzja l-kostituzzjoni ta' debitu tal-attur a favur tal-mejta Rosina Zammit. Din il-Qorti apparti l-kummenti li gia ghamlet aktar 'il fuq b'referenza ghall-evidenza partikolari u anki l-mod ta' kif u meta tressqet certa evidenza, tqis li huwa wisq kumbinazzjoni li t-tezi tal-konvenut tiddependi kompletament fuq persuni li llum huma lkoll mejta u ghalhekk ma setghux jikkonfermaw il-veracita' tal-verzjoni tal-konvenut. In-nuqqas tal-konvenut li juri lill-partijiet u lill-Qorti jekk mhux biss lejn l-ahhar tal-proceduri fil-kontro-ezami li huwa kien konoxxent tajjeb tal-Avukat Bajada jimmilita wkoll kontra l-kredibilita' tieghu. Din il-Qorti ma hi bl-ebda mod tallega xi agir skorrett da parti tal-mibki Avukat Bajada izda tqis li verament il-konvenut kellu l-mezzi kollha sabiex jiffabrika d-dokumenti li fuqhom qed jibbaza kompletament it-tezi tieghu dokumenti li wkoll inghataw lil din il-Qorti f'perjodi diversi tul il-procedura tal-kawza daqs li kieku ghax ta' bilfors meta l-konvenut kien qed isib ruhu dahru mal-hajt. Sahansitra d-dokument JF 1 gie pprezentat ferm wara li sar l-ewwel rapport tal-espert tekniku li kien jghid li l-firem ma kienux awtentici u ghalhekk kien hemm l-opportunita' li wiehed joqghod ferm aktar attent f'dak li jesebixxi minn hemm 'il quddiem. Apparti minn hekk il-fatt li l-kliem uzat fiz-zewg dokumenti ghajr ghall-isem il-kreditur u z-zmien tal-hlas huwa identiku ukoll iqajjem dubju reali f'mohh din il-Qorti dwar il-fabrikazzjoni tal-istess dokumenti.

Il-Qorti wkoll tqis li huwa nverosimili hafna li l-konvenut l-iehor Henry Zammit ma kienx jaf x'qed jigri bil-flus ta' huh l-attur wara li huwa deher fuq il-kuntratt f'ismu u volontarjament ghadda l-flus kollha lil ibnu Michael Angelo Zammit. Li kieku verament Henry Zammit ma kienx jaf x'qed jigri allura ghalfejn meta ntbaghtu l-ittri nterpellatorji lilu ma qabadx u rrisponda tramite Avukat sabiex inehhi kull dubju minn fuq l-operat tieghu anki meta wiehed jikkunsidra li l-konvenut Henry Zammit mhux xi persuna ta' ftit edukazzjoni kif irrizulta mill-atti. Dan izda ma ghamlux nonostante li anki giet mibghuta lilu ittra ufficcjali mill-Qorti. Il-Qorti tqis li l-provi kollha jwasslu sabiex juru li probabbilta' ta' kif sehhew l-affarijiet wara li sar il-bejgh tar-raba huwa li Michael Angelo Zammit sabu komdu bil-flus ta' zijuh fl-'account' tal-kumpanija konvenuta u l-probabbilta' hi li haseb li zijuh mhux ser jitolbu dawk l-ammonti kbar ta' flus daqshekk malajr. Minhabba li

haseb hekk probabbilment investa dawn il-flejjes u min jaf x'sar minnhom. Fil-mument li l-attur baqa' jitlob aktar flus il-konvenut gie dahru mal-hajt ghaliex probabbli l-flus ma kienux ghadhom f'idejh u ngabet l-iskuza tal-investiment. Skont l-attur (liema verzjoni hija dik emmnuta minn din il-Qorti) l-istess huh Henry Zammit semmielu l-investimenti u konsegwentement Michael Zammit ghaddhielu d-dokumenti li juri numru ta' nvestimenti probabbilment sabiex jipprova jtawwal iz-zmien.

Dak kollu suespost isahhah il-konvinzjoni ta' din il-Qorti li din l-iskema kollha biex l-attur ma jinghatax il-flus tieghu lura kienet ben miftiehma bejn iz-zewg konvenuti filwaqt li ntuzat il-kumpanija konvenuta bhala mezz anki ghaliex kienu t-tnejn li huma li ppruvaw jiggustifikaw in-nuqqas tal-flus minhabba li gew investiti u mhux il-konvenut Michael Zammit. Il-Qorti ma temminx illi l-flejjes li ghaddew minghand Michael Zammit lill-attur kienu jikkonsistu f'self mhux kopert bl-ebda dokument izda kienu kif isostni l-attur parti mill-flus tieghu mill-bejgh tar-raba' in kwistjoni mibghuta minn Michael Zammit meta mitluba sabiex b'hekk ma jqajjimx suspetti dwar x'qed jigri mill-bqija tal-flus. Wasal izda zmien fejn huwa probabbli li l-konvenut sab ruhu f'sitwazzjoni fejn ma setax jghaddi aktar flus lill-attur jew ma riedx jaghti aktar flus lill-attur nonostante li dawn kienu tieghu. Il-Qorti wkoll ma tqisx li d-dokument esebit a fol. 37 tal-process verament gie ppreparat f'Ottubru tas-sena 2007 u wisq anqas li dan intbaghat f'dak iz-zmien bil-posta lil Louis Zammit l-attur. Il-fatt li l-konvenut ukoll f'diversi partijiet tax-xhieda ammetta li huwa normali ghalih li jahbi fatti minn bosta persuni nkluzi awtoritajiet xejn ma jghin il-kredibilita' tieghu. Il-Qorti tqis ukoll li Henry Zammit deher ferm indottrinat kif kellu jirrispondi kemm fl-ezami in subizzjoni kif ukoll fil-kontro-ezami u dan tant gie rifless fix-xhieda tieghu li jaghmilha wkoll wahda mhux kredibbli. Meta ra li missieru ma tantx mar tajjeb fix-xhieda tieghu l-konvenut wasal biex jixhed li missieru ghandu bidu ta' dementia. Il-Qorti rat ukoll l-agir tal-konvenut Henry Zammit fuq il-pedana tax-xhieda li xejn ma kkonvinciha li kien qed jixhed il-verita'.

Il-Qorti wkoll tqis li fuq il-kwistjoni tal-kredibilita' ma ghandux jigi skartat il-fatt li l-attur ghalkemm residenti l-Awstralja u huwa ragel anzjan bi problemi ta' mobilta' tista' tghid attenda ghas-seduti kollha li saru quddiem il-Qorti billi kull darba gie mill-Awstralja (u jitla' kull darba t-telgha tac-Cittadella f'Ghawdex fi zmien meta din kienet kollha

maqlugha) ghal dan il-ghan filwaqt li fir-rigward tal-konvenuti din il-Qorti f'mument minnhom stante li l-konvenuti ma kienux qed jattendu ghas-seduti kellha tohrog mandat ta' akkumpanjament fil-konfront taghhom- sabiex jittellghu jumejn wara quddiemha u r-rabja li rat fl-awla fis-seduta ta' wara din il-Qorti aktar jikkonvinciha li huwa l-attur li qieghed fis-sewwa u mhux il-konvenuti. Anki f'dan il-kuntest tqis li l-attur huwa ferm aktar genwin fl-intenzjonijiet tieghu f'din il-kawza minn dawk tal-konvenuti.

La darba din il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni li l-verzjoni tal-fatti veritiera hija dik tal-attur u mhux dik moghtija mill-konvenuti, fuq dawn il-linji l-Qorti ser tipprosegwi sabiex taghrbel u tiddeciedi l-eccezzjonijiet preliminari tal-konvenuti, il-mertu tat-talbiet attrici u l-eccezzjonijiet fuq il-mertu.

**Eccezzjonijiet preliminari:**

**Inkompetenza:**

L-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti hija dwar l-inkompetenza ta' din il-Qorti stante li l-konvenut allegatament jirrisjedi fil-fond 18, St. Anthony Building, Pjazza Sant Anna, Floriana. Din il-Qorti ma taqbilx b'mod assolut ma' din l-eccezzjoni anki ghaliex f'diversi partijiet tal-atti l-konvenut Michael Zammit jammetti li huwa jirrisjedi Ghawdex u li fil-Floriana fl-indirizz indikat huwa ghandu l-ufficcju tieghu:

'jien kont naqsam kuljum lejn Malta biex nahdem fl-ufficcju tieghi gewwa l-Furjana, u kont mmur lura lejn Ghawdex fit-tard.' (fol. 334)

F'parti ohra tax-xhieda anki jsostni li huwa ghandu ufficcju mhux biss fil-Floriana izda wkoll f'Ghawdex. F'parti ohra mix-xhieda ta' Michael Zammit li gia saret referenza ghaliha aktar 'il fuq l-istess konvenut ammetta li huwa kien izomm il-karta tal-identita' tieghu fuq proprjeta' li ma kinitx tieghu filwaqt li kien qed jirrisjedi f'post iehor f'Ghawdex sabiex ma jindunawx l-awtoritajiet. Nonostante dan kollu l-konvenut kellu l-wicc li jaghmel sottomissjonijiet dwar din l-eccezzjonijiet fin-nota tieghu u jippretendi li din il-Qorti temmnu. Il-Qorti taghmilha cara li ma temminx li l-konvenut jirrisjedi fil-Floriana, Malta izda tqis li huwa jirrisjedi Ghawdex ghalkemm ma ssibha xejn difficli li temmen li l-karta tal-identita' tieghu turi l-ufficcju tieghu fil-Floriana ghal xi raguni jew

ohra, dan izda ma jaghmilx l-eccezzjoni tieghu dwar nuqqas ta' kompetenza fil-konfront ta' din il-Qorti bhala wahda legalment u fattwalment gustifikata. In oltre f'din il-kawza ma hemmx biss il-konvenut Michael Zammit izda hemm ukoll missieru Henry Zammit li ma hemmx kontestazzjoni li jirrisjedi Ghawdex filwaqt li l-attur Louis Zammit meta jkun fil-Gzejjer Maltin ukoll jirrisjedi Ghawdex u f'cirkustanzi bhal dawn il-ligi tipprovdi xorta wahda ghall-kompetenza ta' din il-Qorti kif anki sottomess mill-attur fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu.

Il-Qorti ghalhekk ser tghaddi sabiex tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti fir-rigward tan-nuqqas ta' kompetenza taghha.

**L-eccezzjoni li s-Socjeta' konvenuta Michael Zammit Holdings Limited m'hijiex il-legittimu kontradittur:**

Il-konvenuti jsostnu din l-eccezzjoni taghhom abbazi li skont huma s-socjeta' 'kienet qeghdha tigi wzata minn Michael Zammit bhala mezz kif huwa seta' jitrasferixxi l-flus li huwa kien isellef minghajr imghax lill-attur u dan in ottemperanza mad-disposizzjonijiet tal-Ligijiet koncernanti l-*money laundering* u *audit trail*.

Mill-atti l-Qorti rat diversi stanzi fejn il-konvenut Michael Zammit filwaqt li dejjem sostna li l-flus involuti f'din il-kawza kienu tieghu personalment, ammetta li l-flus tad-depozitu fl-ammont ta' Lm10,000 gew depozitati fil-'clients account' ta' din il-kumpanija u li l-flus l-ohra wkoll kienu jitpoggew fl-'accounts' ta' din il-kumpanija u li minnhom kienu jsiru t-trasferimenti lill-attur fl-Awstralja. Imkien fl-atti ma gie muri lil din il-Qorti li dawn il-flus m'ghadhomx hekk depozitati fil-kontijiet tal-kumpanija konvenuta jew sahansitra f'investimenti f'isem il-kumpanija konvenuta. Il-Qorti tqis li kieku kellha s-socjeta' konvenuta tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju u f'kaz ta' ezitu favorevoli ghat-talbiet tal-attur ikun ifisser li l-attur isib ruhu f'diffikulta kbira biex jesegwixxi l-istess decizjoni la darba l-flus involuti huwa probabbli li ghadhhom jinsabu fil-pussess tas-socjeta' konvenuta almenu in parte u mhux biss tal-konvenuti l-ohra personalment.

Ghar-ragunijiet suesposti, il-Qorti tqis li t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti dwar li s-socjeta' konvenuta mihijiex il-legittimu kontradittur mihijiex legalment u fattwalment gjustifikata u ser tghaddi sabiex tichad l-istess.

**L-eccezzjoni li l-konvenut Henry Zammit mhux il-legittimu kontradittur:**

Il-konvenut isostni li huwa mhux il-legittimu kontradittur stante illi skont hu huwa kien biss mandatarju generali ta' l-attur u dan ai termini tal-prokura generali mehmuza mal-kuntratt tal-31 ta' Awwissu 2007 u ghalhekk ghadda l-imsemmija flus lil Michael Zammit fuq istruzzjonijiet ta' l-attur stess.

Kif gia nghad aktar 'il fuq din il-Qorti qed tqis bhala veritiera l-verzjoni tal-fatti tal-attur u mhux tal-konvenuti. Skont l-attur huwa ma ta l-ebda struzzjonijiet lill-mandatarju tieghu Henry Zammit sabiex jghaddi l-flus lit-tifel tieghu l-konvenut l-iehor Michael Zammit anzi jsostni li l-istruzzjonijiet kienu li Henry Zammit izommhom f'kont bankarju u dan jghaddi l-flus lill-attur meta dan jitlobhom. Konsegwenza li Henry Zammit bhala prokuratur ma ottemperax ruhu mal-istruzzjonijiet tal-attur l-attur kellu jiftah din il-kawza ghall-irkupru tal-flus mill-attur. Altru li mhux il-legittimu kontradittur Henry Zammit anzi huwa kien il-persuna principalment responsabbli li jara li l-flus finalment jaslu ghand l-attur u dan ma sehhx tant li kellha tinfetah din il-kawza.

Ghar-ragunijiet suesposti l-Qorti ser tghaddi sabiex tichad il-hames eccezzjoni tal-konvenuti dwar li Henry Zammit mhux il-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri.

**Is-sitt, seba' u tmien eccezzjonijiet tal-konvenuti fir-rigward ta' Henry Zammit:**

Illi is-sitt, seba' u tmien eccezzjonijiet tal-konvenuti kollha jibbazaw ruhhom fuq l-allegat fatt da parti tal-konvenuti li Henry Zammit mexa mal-istruzzjonijiet moghtija lilu mill-attur u ghalhekk ghadda l-flus lil Michael Zammit. Kif gia nghad aktar 'il fuq din il-Qorti ma emmnitx din il-verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-konvenuti izda emmnet lill-attur li l-istruzzjonijiet tieghu moghtija lil Henry Zammit kienu li l-flus derivanti mill-kuntratt tal-bejgh tar-raba' tieghu, wara li jitnaqqsu t-taxxi dovuti u xi flus zghar dovuti lil Henry Zammit, kellhom jinzammu f'kont bankarju fil-Gzejjer Maltin a disposizzjoni tal-attur. Irrizulta li dan ma sarx minn Henry Zammit anzi b'mod malizzjuz dawn il-flus ghaddew ghand il-konvenuti l-ohra mill-istess Henry Zammit. L-allegazzjoni li skont Henry Zammit il-flus llum mhumiex fil-pussess

tieghu ma tezentahx mir-responsabbilta' tieghu fil-konfront tal-attur. Wisq anqas jista' jippretendi li huwa dovut minnu biss li jaghti rendikont tal-agir tieghu ghaliex mhux minnu li mexa mal-istruzzjonijiet tal-attur. Li kieku vera kien kif qed isostnu l-konvenut Henry Zammit ghaliex ma rrispondiex mill-ewwel l-ittri nterpellatorji mibghuta lilu mill-attur, jew mill-anqas l-ittra ufficcjali fejn kien appuntu mitlub jaghti rendikont ta' dak li ghamel!

Il-Qorti ghalhekk ser tghaddi sabiex tichad ukoll is-sitt, seba' u tmien eccezzjoni tal-konvenuti bhala legalment u fattwalment infondati.

**Preskrizzjoni:**

Illi s-sbatax-il eccezzjoni tal-konvenuti taqra kif isegwi:

'Illi in vista tas-suespost gia la darba dan il-kreditu mitlub mill-attur gie mhallas lura lil Michael Zammit fil-31 ta' Awwissu 2007, it-talbiet attrici koncernanti dan il-kreditu huma llum preskritti ai termini tal-artikolu 2156 (f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta stante l-issaldjar ta' dan il-kreditu sitt snin ilu.'

Illi l-artikolu 2156 (f) jaqra kif isegwi:

**'2156.** L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-gheluq ta' hames snin:

. (*f*) l-azzjonijiet ghall-hlas ta' kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeġ ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet ohra, taht preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku;'

Illi jidher li l-konvenuti qed jaghtu eccezzjoni ta' preskrizzjoni ta' hames snin ghall-kreditu tal-attur fil-konfront taghhom ghaliex skont huma fl-istess hin li gie saldat il-kreditu dovut minnhom lill-attur (cioe' fil-mument li sehh il-kuntratt u bejgh tar-raba' tieghu) thallas il-kreditu allegatament dovut mill-attur lil Michael Zammit. Stante li din il-Qorti emmnet il-verzjoni tal-attur u mhux tal-konvenuti jfisser li ma giex pruvat sal-grad rikjest mil-ligi lil din il-Qorti li verament kien hemm kreditu dovut mill-attur lill-konvenut Michael Zammit ghalhekk dakinhar tal-kuntratt tar-raba' tal-attur ma kellu jsir ebda saldu a favur

tal-konvenut Michael Zammit. Minn dan kollu jsewgi li kull darba li saru trasferimenti mill-konvenuti (li din il-Qorti hija konvinta li kollha kienu jafu sew x'qed jigri u mhux Michael Zammit biss) kien allura qed jigi rikonoxxut id-debitu taghhom a favur tal-attur u li kull perjodu ta' preskrizzjoni kien qed jigi nterrot. Jirrizulta mill-atti li l-ahhar darba li l-konvenuti volontarjament irrikonoxxew id-debitu taghhom favur l-attur kien meta giet trasferita l-ahhar somma flus lill-attur nhar is-26 ta' Mejju, 2010 ghas-somma ta' €30,025 fuq ammissjoni tal-konvenut stess Michael Zammit. Il-kawza odjerna giet intavolata nhar is-16 ta' Lulju, 2013 u zgur sas-seduta tas-26 ta' Settembru, 2013 il-konvenuti lkoll kienu gew debitament notifikati jew taw ruhhom notifikati (fol. 64). Dan ifisser li n-notifika saret tliet snin u ftit xhur wara l-ahhar rikonoxximent tad-debitu fejn kien hemm l-interruzzjoni tal-perjodu preskrittiv. Ghalhekk jirrizulta lil din il-Qorti li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2156 (f) ma tregix.

In vista ta' dan il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad is-sbatax-il eccezzjoni tal-konvenuti dwar il-preskrizzjoni ta' hames snin.

**Mertu:**

Stante li l-ewwel u t-tieni talbiet attrici kienu sorvolati fil-mument li l-konvenuti gew awtorizzati jipprezentaw l-eccezzjonijiet taghhom, jonqos biss li jigu decizi it-tielet u r-raba' talbiet attrici li jaqraw kif isegwi:

'3. Tiddikjara li l-intimati jew min minnhom ghandhom ihallsu lill-esponenti s-somma ta' mitejn u hamsin elf u hames mija u tmienja u ghoxrin Euro u tletin centezmu (EUR 250,528.30c);

4. Tikkundanna lill-intimati sabiex ihallsu dan l-ammont hekk mitlub.'

Illi l-ammont kontenut fit-tielet talba, kif gia espost aktar 'il fuq, gie ridott ghas-somma ta' mitejn u tmintax il-elf, tmien mija u erbgha u hamsin Euro u hames centezmi (€218,854.05c) permezz ta' nota tal-attur datata 26 ta' Marzu, 2014 (fol. 190). Fl-affidavit ulterjuri tal-attur 182 tal-process l-attur jaghti rendikont dettaljat ta' xi flus huwa rcieva minghand il-konvenuti wara li sar il-kuntratt tal-bejgh tar-raba' tieghu u suppost ir-rikavat minnu (eskluz it-taxxa li kienet tammonta ghas-somma ta' Lm 8750 u Lm 1000 dovuti mill-attur lill-konvenut Henry Zammit) kellu jinzamm f'kont bankarju f'ismu u jigu trasferiti lilu meta

jitlob li jsir hemm. Skont il-verzjoni tal-attur li din il-Qorti gia ddikjarat li hija l-verzjoni li twemmnet minnha u giet ippruvata fl-atti sal-grad rikjest mil-ligi l-attur rcieva biss minghand il-konvenuti s-somma ta' €49,6060.23 (dettalji u dokumenti esebiti a fol. 183 et seq tal-process). Ghalhekk l-atttur jikkalkula li s-somma li ghadha dovuta lilu mill-konvenuti hija dik ta' €218,854.05 eskluz imghaxijiet li jistghu jkunu dovuti fuqha. Is-somma trasferita lill-attur mill-konvenut Michael Zammit tramite l-kumpanija konvenuta sostanzjalment mihijiex kontradetta anzi l-Qorti rat li skont l-attur, il-konvenut Michael Zammit trasferixxa lill-attur somma kemm xejn akbar minn dak espost mill-istess Michael Zammit u ghalhekk dan huwa sahansitra favur il-konvenut innifsu.

F'dan l-affidavit tal-attur jigi konfermat kif isegwi:

'Il-prezz fuq il-kuntratt kien ta' Lm 125,000 li minnhom tnaqqsu Lm8750 bhala taxxa u Lm1,000 li kien tani qabel hija Henry u li gia semmejt fl-affidavit tieghi. Minn dan il-bilanc irid jitnaqqas EUR 49,6060.20 u ghalhekk, l-ammont li huwa ghadu dovut lili (eskluzi mghaxxijiet) jammonta ghal EUR 218,854.05.' (fol. 183)

Il-konvenuti sostnew (fic-cirkustanzi tal-verzjoni taghhom mhux emmnuta minn din il-Qorti) li minn dik is-somma kellha titnaqqas ukoll Lm3,000 senserija dovuta lil Henry Zammit mill-attur kif ukoll is-somma ta' Lm 1,300 dovuti lil Henry Zammit ghal xoghlijiet li ghamel a favur tal-attur. B'ammissjoni tal-konvenut Michael Zammit fl-atti dawn l-ammonti ma kienux miftehmin bejn Henry Zammit u Louis Zammit u kienu mposti minnu stess la darba l-flus tal-attur kienu f'idejh. Il-Qorti ma tqisx li dawn l-ammonti ghandhom jitnaqqsu minn dak dovut lill-attur la darba qatt ma kien hemm il-kunsens tieghu sabiex jitnaqqsu minghand l-istess attur.

Illi fil-mertu bhala eccezzjonijiet il-konvenuti qajjmu eccezzjonijiet li lkoll jibbazaw ruhhom fuq il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-konvenuti li din il-Qorti ddecidiet li mihijiex wahda veritiera. Ghalhekk il-Qorti ma tqisx li tressqu provi skont il-ligi da parti tal-konvenuti li jistghu jikkontradicu l-ammont pretiz mill-attur f'din il-kawza.

Ghaldaqstant il-Qorti filwaqt li ser tghaddi sabiex tichad l-eccezzjonijiet kollha rimanenti tal-konvenuti fil-mertu ser tghaddi sabiex tilqa' t-tielet

u r-raba' talbiet attrici ghas-somma ta' mitejn u tmintax il-elf, tmien mija u erbgha u hamsin Euro u hames centezmi (€218,854.05c)

**Decizjoni**

Ghaldaqstant, in vista ta' dak kollu suespost u ghar-ragunijiet suesposti, il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi finalment din il-kawza kif isegwi:

1. Tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti dwar in-nuqqas ta' kompetenza taghha;

2. Tichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti dwar li s-socjeta' konvenuta mihijiex il-legittimu kontraditrici f'dawn il-proceduri;

3. Tichad il-hames eccezzjoni tal-konvenuti dwar li l-konvenut Henry Zammit mhux il-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri;

4. Tichad is-sitt, seba' u tmien eccezzjoni tal-konvenuti;

5. Tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mqajjma mill-konvenuti fis-sbatax-il eccezzjoni taghhom;

6. Tiddikjara l-ewwel u t-tieni talba attrici bhala ezawriti;

7. Tichad l-eccezzjonijiet kollha rimanenti tal-konvenuti;

8. Tilqa' t-tielet talba attrici u tiddikjara li l-konvenuti ghandhom ihallsu lill-attur is-somma ta' mitejn u tmintax il-elf, tmien mija u erbgha u hamsin Euro u hames centezmi (€218,854.05c);

9. Tilqa' r-raba' talba attrici u tordna li l-konvenuti jhallsu s-somma ta' mitejn u tmintax-il elf, tmien mija u erbgha u hamsin Euro u hames centezmi (€218,854.05c) lill-attur;

Bl-ispejjez kollha ta' din il-procedura u kif mitluba mill-attur kontra l-konvenuti, bl-imghaxijiet skont il-ligi mid-data tas-26 ta' Marzu, 2014

(id-data tan-nota ta' korrezzjoni tal-ammont dovut) sad-data tal-pagament effettiv.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur